Vol 37
Nru 192
April - Ġunju 2016

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2016

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Knisja tal-Viżitazzjoni*
*Għajn Karem*

# Werrej


6


18


25

30



6 Storja tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa: Il-Patrijarkat Latin u l-kustodja fi żmien Barlassina u Diotallevi

18 Il-Ħniena ta' Alla u tal-bnedmin fil-Bibbja

25 Il-Qalb Saċerdotali ta' Kristu u dik tal-Qassis fit-Testment il-Ġdid

30 Fih kollox jitkellem dwar il-ħniena. M'hemm xejn fiH li m'għandux ħniena

35 It-talb fil-ktieb tal-Atti tal-Appostli

40 Knejjes minsija ta' Ġerusalemm: Ħakeldama u l-Knisja-Għar ta' San Onofrju



35

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## Kustodju Ġdid tal-Art Imqaddsa

Nhar l-20 ta' Mejju 2016 tħabbar uffiċjalment li l-Ministru Ġeneral tal-Ordni tal-Patrijiet Minuri, P. Michael Perry ofm, flimkien mad-Definitorju tal-Ordni, wara l-approvazzjoni u l-konferma tas-Santa Sede, ħatar lil Patri Francesco Patton ofm bħala l-Kustodju ġdid tal-Art Imqaddsa għal dawn is-sitt snin li ġejjin, 2016-2022. Patri Francesco hu s-suċċessur ta' Patri Pierbattista Pizzaballa ofm, li ilu Kustodju għal dawn l-aħħar tnax-il sena, mill-2004.

Patri Francesco Patton twieled Vigo Meano, fid-djoċesi ta' Trento, fit-23 ta' Diċembru 1963. Hu daħal Franġiskan fl-ex Provinċja ta' San Vigilio ta' Trento, li mis-16 ta' Mejju ta' din is-sena saret parti mill-Provinċja ġdida ta' Sant'Antnin tal-Patrijiet Minuri, li tkopri diversi reġjuni tal-Italja ta' fuq, inklużi Liguria, Piemonte, Lombardia, Emilia Romagna, Veneto, u Trentino. Barra t-Taljan Patri Francesco jitkellem l-Ingliż u l-Ispanjol.

Hu għamel l-ewwel Professjoni reliġjuża fis-7 ta' Settembru 1983 u l-Professjoni Solenni fl-4 ta' Ottubru 1986. Ġie ordnat saċerdot fis-26 ta' Mejju 1989. Fl-1993 akkwista Liċenzjat fix-xjenzi tal-komunikazzjoni fl-Università Pontificia Salesiana ta' Ruma.

Qeda diversi servizzi fi ħdan il-Provinċja tiegħu u fi ħdan l-Ordni. Kien għal darbtejn Segretarju Ġenerali tal-Kapitlu Ġenerali OFM (2003 u 2009), Viżitatur Ġenerali (2003) u Ministru provinċjal tal-Provinċja ta' Trentino (2008-2016), u President tal-Konferenza tal-Ministri Provinċjali tal-Italja u l-Albanija (COMPI).

Barra mill-Ordni okkupa wkoll diversi karigi, fosthom Membru tal-Kunsill Presbiterali Djoċesan u tas-Segreterija tal-istess Kunsill Pastorali Djoċesan tal-Arċidjoċesi ta' Trento;



*...editorjal*

*Kustodju ġdid tal-art imqaddsa*

Professur tax-xjenzi ta' komunikazzjoni soċjali fl-iStudio Teologico Accademico Tridentino; Kollaboratur tar-Rivista Djoċesana, tar-Radju Djoċesan u ta' Telepace Trento. Hu membru tal-għaqda tal-ġurnalisti tat-Trentino-Alto Adige u ppubblika diversi artikli sa mill-1991.

Fl-Art Imqaddsa, l-Kustodju barra li jmexxi l-Kustodja tal-Art Imqaddsa, li hi meqjusa bħala l-ewwel missjoni tal-Ordni tal-Patrijiet Minuri, hu anke wkoll membru tal-Assemblea tal-Ordinarji Kattoliċi tal-Art Imqaddsa, li tiġbor flimkien l-Isqfijiet u l-Vigarji Episkopali Kattoliċi tar-riti Latin u Orjentali.

Fl-Art Imqaddsa l-preżenza tal-Franġiskani tmur lura għas-seklu 13. Hu l-Kustodju tal-Art Imqaddsa li, f'isem il-Knisja Kattolika jieħu ħsieb u jħares il-maġġoranza tal-Postijiet Qaddisa tal-Inkarnazzjoni ta' Ġesù, kif ukoll tal-"ġebel ħaj" tal-Art Imqaddsa, jiġifieri tal-komunità Kattolika preżenti fit-territorju. Hu jirrappreżenta l-Kattoliċi quddiem il-Knejjes Griega Ortodossa, Armena, Kopta, Sirjaka u Etjopika, li r-relazzjonijiet magħhom huma regolati mill-i*Status Quo*, regolament li jorbot lid-diversi Knejjes sa mill-1757.

Billi t-territorju tal-Kustodja jestendi ruħu f'diversi pajjizi - Israel, Palestina, Libanu, Sirja, Ġordanja, Ċipru, Rodi u l-Kajr bil-kunvent tal-Muski - il-Kustodju hu wkoll f'kuntatt mal-Patrijarki, Isqfijiet u Nunzji Apostoliċi ta' diversi pajjiżi.

Barra minn hekk, is-sitwazzjoni attwali tal-Lvant Nofsani titlob li l-Kustodju jsegwi l-attwalità tal-ħajja politika u soċjali tad-diversi pajjizi biex jiddeċiedi dwar il-prijoritajiet tal-missjoni tal-Patrijiet Franġiskani fejn dawn huma preżenti u hu msejjaħ biex kontinwament jadatta din il-missjoni għall-bżonnijiet tal-Insara lokali, billi jieħu ħsieb jitrasmettilhom it-tama li tiġi minn Kristu, u li jipprovdi wkoll għall-ġid materjali għall-għajxien tagħhom.

Matul is-sekli l-Kustodja tal-Art Imqaddsa żviluppat diversi opri soċjali, edukattivi u kulturali, bl-iskop li tikkonserva, issostni u żżomm ħajja l-fidi fi Kristu u l-ħajja ta' kuljum tal-komunitajiet lokali.

Il-Kustodja, għalkemm hi attenta għall-komunitajiet lokali, għandha wkoll bħala missjoni d-dmir li tilqa' lil kulħadd fis-Santwarji li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħha (55 Santwarji), li huma miftuħin kemm għall-pellegrini kif ukoll għat-turisti, ħalli tgħinhom jitrasformaw l-esperjenza tal-Art Imqaddsa f'dik li l-Papa Pawlu VI sejħilha "Il-Ħames Evanġelju".

Il-Kustodja, flimkien mas-Superjur li jmexxiha, huma l-garanzija tal-karattru universali ta' din l-art magħżula minn Alla. Għal din ir-raġuni l-Kustodju jrid ikun attent għax-xewqat spiritwali u l-ħtiġijiet tal-pellegrini kif ukoll għall-kura materjali tal-Postijiet Qaddisa.

Hu d-Definitorju Ġenerali tal-Ordni tal-Patrijiet Minuri li jeleġġi l-Kustodju,bl-approvazzjoni tas-Santa Sede. Qabel dan issir konsultazzjoni bejn il-patrijiet tal-Kustodja

taħt it-tmexxija tal-Viżitatur Ġenerali.

Il-konsultazzjoni tal-patrijiet tal-Kustodja ssir bi skrutinju sigriet f'żewġ turni ta' votazzjoni. Kull patri jindika l-ismijiet ta' tliet kandidati potenzjali. Ir-riżultat tal-ewwel skrutinju hu pubbliku, filwaqt dak tat-tieni hu sigriet. Huma l-ewwel tnax-il isem li jiġu vvutati fl-ewwel skrutinju li jiddaħħlu fit-tieni skeda ta' votazzjoni. L-ewwel tliet ismijiet tat-tieni skrutinju jintbagħtu lid-Definitorju Ġenerali tal-Ordni tal-Patrijiet Minuri f'Ruma.

Id-Definitorju ġenerali jagħżel l-Kustodju billi jagħti kas tar-riżultat tal-konsultazzjoni tal-patrijiet tal-Kustodja, imma hu dejjem liberu li jżid ismijiet oħrajn ta' patrijiet esterni għall-Kustodja, u li jkollhom ir-rekwiżiti u l-kompetenzi neċessarji fil-mument attwali tal-ħajja tal-Kustodja u tar-Reġjun tal-Lvant Nofsani.

L-għażla tad-Definitorju tiġi ppreżentata mill-Ministru Ġeneral lill-Kongregazzjoni għall-Knejjes Orjentali li tivvaluta u tapprova. Malli tinkiseb l-approvazzjoni u l-kandidat jaċċetta l-inkarigu, il-Ministru Ġeneral mad-Definitorju tal-Ordni jinforma lill-Viżitatur Ġenerali, u dan jagħti l-aħbar lill-Kustodja.

Biex jidħol uffiċjalment fil-kariga tiegħu l-Kustodju jagħmel dawk li jissejħu ingressi solenni. L-ewwel ingress isir mill-Bieb ta' Ġaffa lejn il-Kunvent ta' San Salvatur, sede uffiċjali tal-Kurja Kustodjali. Il-Kustodju li jkun temm il-kariga tiegħu, flimkien mal-Gwardjan tal-Kunvent ta' San Salvatur u mal-Viżitatur Ġenerali, jilqa' lis-suċċessur tiegħu. Wara li l-Viżitatur jaqra d-Digriet tan-Nomina, il-Kustodju ġdid jieħu il-ġurament u l-Kustodju predeċessur tiegħu jagħtih solennement is-Siġill tal-Kustodja li fuqu hemm imnaqqax: *Sigillum Guardiani Sacri Conventus Montis Sion*. Imbagħad il-patrijiet jersqu juruh l-ubbidjenza tagħhom.

It-tieni ingress isir billi l-Kustodju ġdid jitlaq mill-kunvent ta' San Salvatur lejn il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, fejn jiġi milqugħ mit-tliet superjuri tal-Bażilika, jiġifieri l-Isqof Grieg Ortodoss, il-President (Franġiskan) tal-Qabar ta' Kristu, u s-Superjur Armen Ortodoss.

It-tielet ingress hu dak ta' Betleħem. Il-Kustodju jitlaq minn Ġerusalemm u jaqbad it-triq tal-mixja antika tal-Patrijarki. Ħdejn il-monasteru Grieg Ortodoss ta' Mar Elias, jilqgħuh l-awtoritajiet tal-irħula insara ta' Betleħem, Beit Sahour u Beit Jala. Imbagħad ikompli fi triqtu lejn il-qabar ta' Rakele, minn fejn jidħol Betleħem biex jasal fil-Bażilika tan-Nativitá.

Wara li jiġi milqugħ mill-Gwardjan Franġiskan tal-komunità lokali, il-Kustodju jidħol mill-Bieb imsejjaħ "tal-umiltà" minn fejn jgħaddi fin-navata tal-Bazilika ta' Ġustinjanu u jiġi milqugħ mis-Superjuri tal-Komunitajiet Griega Ortodossa, Franġiskana u Armena. Imbagħad il-patrijiet iwasslu lill-Kustodju fil-knisja ta' Santa Katerina *ad Nativitatem*, il-parroċċa li jmexxu l-Franġiskani.

L-ewwel mandat tal-Kustodju jdum sitt snin, u jista' jiġġedded għal tliet snin, u f'każi eċċezzjonali, jekk ikun postulat (jiġifieri numru kbir ta' patrijiet ikunu jixtiequ u l-Gvern ġenerali tal-Ordni jidhirlu li jaqbel), jista' jdum għal tliet snin oħra.

L-iStatuti li mexxew l-ordinament tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa sas-snin tmenin tas-seklu li għadda, kienu ġew approvati fl-1746 mill-Papa Benedettu XIV, bil-Breve *In Supremo*. Skont dawn l-iStatuti l-Kustodju, li kien dejjem Taljan bi tradizzjoni, sar hekk bi dritt. Kien biss f'każi rarissimi li ġew eletti Kustodji ta' nazzjonalitjiet oħrajn: fra Martino d'Aragona (1375), fra Gherardo d'Aquitania (1392), u fra Mauro minn Spanja (1501). Skont dawn l-iStatuti l-Vigarju Kustodjali kien ikun Franċiż u l-Prokuratur kien ikun Spanjol. Meta dawn l-iStatuti ġew abrogati, illum il-Kustodju tal-Art Imqaddsa jista' jappartjeni lil kull nazzjonalità u l-Vigarju Kustodjali, biex tiġi ggarantita l-internazzjonalità, jrid ikun membru ta' grupp lingwistiku differenti.

Nifirħu minn qalbna lill-Kustodju l-ġdid tal-Art Imqaddsa, Patri Francesco Patton, u nitolbu għalih u għall-missjoni Franġiskana tal-Art Imqaddsa.



# STORJA TAL-KUSTODJA TAL-ART IMQADDSA: IL-PATRIJARKAT LATIN U L-KUSTODJA FI ŻMIEN BARLASSINA U DIOTALLEVI

***Noel Muscat ofm***

L-informazzjoni f'dawn is-sensiela ta' artikli ġbarniha mill-istudju ta' Paolo Pieraccini, *Custodia di Terra Santa e Patriarcato Latino di Gerusalemme: nuove controversie giurisdizionali (1917-1923)*, Parte I, in *Frate Francesco*, anno 80, nuova serie, Nov. 2014, n. 2, 409-458.

## Il-bidu ta' kontroversji ġodda u serji rigward il-ġurisdizzjoni bejn il-Patrijarkat u l-Kustodja tal-Art Imqaddsa (1917-1919)

Il-kalma relattiva ta' kważi ħamsin sena bejn il-Kustodja u l-Patrijarkat waqt li kienu Patrijarki Bracco, Piavi u Camassei, ma solvietx il-problemi kollha ta' bejniethom. Il-leġislazzjoni li s-Santa Sede ppubblikat kienet impreċisa, u l-Kustodja kienet deċiża li ma kinetx se titlef privileġġi li kienet ilha tgawdi għal sekli sħaħ. Id-diffikultajiet li baqgħu kienu jirrigwardaw partikolarment l-amministrazzjoni finanzjarja, il-ġurisdizzjoni tal-Postijiet Qaddisa u l-iskejjel Kattoliċi.

Is-sena 1917 kienet kruċjali fl-istorja tal-Art Imqaddsa, għax kienet timmarka t-tmiem tal-ħakma tat-Torok Ottomani. F'dik is-sena kemm il-Patrijarkat kif ukoll il-Kustodja kienu mmexxija minn prelati li ma kellhomx id-dinjità episkopali. Camassei kien ġie eżiljat f'Nazaret mit-Torok, u l-Patrijarkat Latin kien immexxi mill-pro-vigarju Franz Fellinger. Il-Kustodja wkoll kienet immexxija mill-president kustodjali Eutimio Castellani. Is-sena ta' wara s-sitwazzjoni nbidlet radikalment bil-wasla, l-ewwel tal-Kustodju ġdid tal-Art Imqaddsa fil-persuna ta' Patri Ferdinando Diotallevi (15 ta' Frar 1918) u mbagħad b'dik tal-isqof awżiljarju tal-Patrijarka Latin, fil-persuna ta' Luigi Barlassina (26 ta' Ottubru 1918). Fl-4 ta' Ottubru 1918 il-Breve Pontifiċju *Inclytum Fratrum Minorum conditorem* reġgħet ikkonfermat lill-Franġiskani tal-Art Imqaddsa l-privileġġi antiki li kellhom. Il-Patrijarka Camassei ħalla definittivament is-sede tiegħu u mar Ruma f'Mejju 1919, u fit-8 ta' Marzu 1920, b'dispjaċir kbir ta' Diotallevi, Luigi Barlassina ġie magħżul Patrijarka Latin ta' Ġerusalemm.

Il-problemi kienu diġà bdew fi żmien Castellani u Fellinger. Fl-1917 il-Patrijarkat kien beda diversi rikorsi kontra l-Kustodja quddiem *Propaganda Fide*, billi akkużaha li kienet qed tmur 'il hemm mil-limiti tal-kompetenzi tagħha kontra l-prestiġju tal-awtorità tal-Ordinarju lokali. Fil-festi tal-Milied tal-1917 il-President Kustodjali Eutimio Castellani kien ħa vantaġġ tal-assenza tal-Patrijarka Latin, u ppresieda fl-ingress solenni u ċ-ċelebrazzjoni

*Franz Fellinger*






tal-liturġiji fil-Bażilika tan-Nativitá f'Betleħem. Castellani kien ippresieda wkoll fuq l-ingress solenni fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu fl-ewwel Ħadd tar-Randan tal-1918, "mingħajr il-kanoniċi u l-kleru tal-Patrijarkat". Fil-Milied tal-1918 iċ-ċerimonier tal-Kustodja kien ħa post iċ-ċerimonier tal-Patrijarka f'Betleħem. Fl-14 ta' Ottubru 1918 il-Kustodju ġdid Ferdinando Diotallevi (1918-1924) kien iċċelebra Quddiesa pontifikali bil-kant tat-*Te Deum* fil-"kattidral" tal-Qabar ta' Kristu bħala ringrazzjament għall-ħelsien tal-Art Imqaddsa, u kien bagħat l-inviti lid-diversi awtoritajiet reliġjużi u ċivili mingħajr ma informa lill-Patrijaka Camassei, anke jekk dan kien ġie meħlus mill-eżilju tiegħu f'Nazaret. L-istess Kustodju kien ippreżenta memorandum rigward is-santwarji li x-"xiżmatiċi" (Griegi Ortodossi) kienu usurpaw matul is-sekli, quddiem il-konferenza ta' paċi f'Pariġi, fuq inizjattiva tiegħu. Diotallevi kien ta awtorizzazzjoni lill-Kardinal Ingliż Francis Bourne biex jiċċelebra Quddiesa pontifikali fil-"kattidral" tal-Qabar ta' Kristu u ppreżenta quddiem il-Konslu Franċiż u quddiem l-awtoritajiet Ingliżi fil-Palestina talba għal għajnuna biex jissewwew xi danni tal-gwerra. Fl-aħħarnett, il-Franġiskani kienu baqgħu għaddejjin fil-bini tas-santwarji ġodda fil-Ġetsemani (Bażilika tal-Agunija), Tabor (Bażilika tat-Trasfigurazzjoni) u Għajn Karem (Knisja tal-Viżitazzjoni).

Il-Patrijarka l-ġdid, Barlassina, ma kienx bniedem li kien se joqgħod kwiet. Hu immedjatament ipprotesta li l-Franġiskani kienu qed jippreżentaw lilhom infushom quddiem l-awtoritajiet Ingliżi fil-Palestina bħala l-uniċi rappreżentanti tal-Knisja Kattolika rigward il-kwestjoni tal-Postijiet Qaddisa. Kien ukoll qed jinsisti li *Propaganda Fide* kellha tobbliga lill-Franġiskani li jufficjaw il-Qabar ta' Kristu li jadottaw il-kalendarju liturġiku tal-Patrijarkat, u mhux dak Ruman-Serafiku tal-Ordni Franġiskan.

L-uffiċjali ta' *Propaganda Fide* eżaminaw dawn il-kwestjonijiet kollha fil-Kongregazzjoni ġenerali tal-14 ta' Ġunju 1920. Ir-riżultat kien rapport voluminuż ta' 246 paġna. Hawnhekk nagħtu biss indikazzjoni fil-qosor tal-kontenut ta' dan ir-rapport.

## L-ingress solenni f'Betleħem fil-Milied tal-1917

Sa mill-1847 l-ingress solenni fil-Bażilika tan-Nativitá f'Betleħem għall-okkażjoni tal-Milied kien

dritt esklusiv tal-Patrijarka Latin, jew tal-isqof awżiljarju tiegħu jew tal-vigarju ġenerali. Kien biss meta dawn il-prelati kollha kienu assenti li l-Kustodju nnifsu seta' jippresiedi fuq l-ingress solenni, u dan biss bl-awtorizzazzjoni tal-Patrijarka nnifsu. Fl-1917 il-prelati kollha kienu assenti minn Ġerusalemm, jiġifieri l-Patrijarka Camassei (li kien eżiljat f'Nazaret), l-isqof awżiljarju tiegħu Luigi Piccardo (li miet f'Damasku) u l-Kustodju tal-Art Imqaddsa, minħabba *sede vacante* li kienet twalet għal aktar minn sentejn u nofs. Kien Eutimio Castellani, il-President Kustodjali, li kien qiesu bħala dritt tiegħu li jippresiedi l-ingress solenni, kuntrarjament għax-xewqa ta' Fellinger, li kien iqis lilu nnifsu bħala dak li kellu jirrappreżenta l-Patrijarka.

Meta l-Ġeneral Edmund Allenby kien daħal Ġerusalemm, fil-11 ta' Diċembru 1917, Castellani kien talab lill-ministru ġeneral tal-Franġiskani, Serafino Cimino (1915-1921) biex jakkwistalu minn *Propaganda Fide* l-fakultà li jiċċelebra l-liturġiji pontifikali f'Betleħem. Kien diġà ntalab li jagħmel hekk f'okkażjonijiet oħrajn minn Camassei u kien ukoll qed jippjana li jippresiedi l-ingressi solenni tar-Randan, biex ma jagħtix lill-Griegi okkażjoni biex jakkwistaw drittijiet ġodda fuq il-Latini.

Min-naħa tiegħu Fellinger kien ġie mħeġġeġ biex jieqaf lil Castellani, partikolament mill-kanoniċi tal-Patrijarkat, li kienu jqisu lilhom infushom bħala kanoniċi tal-Qabar ta' Kristu, u li ma ridux jaċċettaw li jakkumpanjaw prelat Franġiskan. Fellinger, bħala "Prelat Domestiku tal-Qdusija Tiegħu" kien iqis lilu nnifsu fil-grad ta' isqof awżiljarju. Bħala pro-vigarju tal-Patrijarka hu kellu l-istess poteri tal-Patrijarka fil-ħwejjeġ kollha spiritwali u temporali tad-djoċesi ta' Ġerusalemm. Castellani, min-naħa tiegħu, insista li hu kellu l-fakultajiet u d-dmirijiet kollha tal-Kustodju tal-Art Imqaddsa, billi l-Kustodja kienet *sede vacante*. Għalkemm hu ammetta li ma kellux il-fakultà li juża paramenti pontifikali, hu xorta waħda kien is-superjur leġittimu tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa, li kienu uffiċjalment inkarigati mill-kustodja tal-Postijiet Qaddisa mill-Knisja Kattolika.

Quddiem din ir-reżistenza iebsa Fellinger mejjel rasu u Castellano mexxa ċ-ċelebrazzjonijiet pontifikali f'Betleħem. Kien biss fl-1889, 1890 u 1901 li l-Kustodju kien irċieva l-permess mill-Patrijarka nnifsu biex jippresiedi


*Luigi Barlassina*

dawn iċ-ċelebrazzjonijiet. Fellinger qies din il-mossa ta' Castellani bħala sfida serja lejn id-drittijiet tal-Patrijarkat u ppreżenta protesta formali quddiem *Propaganda Fide*. Meta Camassei ntalab jagħti l-opinjoni tiegħu, hu wieġeb li d-dritt tal-ingress solenni f'Betleħem kien jappartjeni lill-Patrijarka Latin jew lill-isqof awżiljarju tiegħu, u billi t-tnejn li huma kienu assenti, suppost li kellu jkun il-pro-vigarju ġenerali Fellinger li kellu jippresiedi ċ-ċelebrazzjonijiet. Meta Diotallevi daħal fix-xena hu żamm ma' Castellani, u insista li l-President Kustodjali kien il-veru superjur tal-Kustodja, bid-drittijiet u d-dmirijiet kollha tal-uffiċċju tiegħu, ħlief dak tal-użu tal-paramenti pontifikali. Diotallevi fakkar ukoll lil *Propaganda Fide* li, għar-Randan tal-1918, meta ma kienx hemm ċertezza jekk il-vigarju u delegat apostoliku fl-Eġittu, Aurelio Briante, setax jippresiedi fl-ingress solenni fil-Qabar ta' Kristu, il-Kardinal Gasparri, Segretarju tal-Istat, kien awtorizza lil Castellani biex imexxi hu l-ingress fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu.

## L-ingress solenni fil-Qabar ta' Kristu fl-ewwel Ħadd tar-Randan (16 ta' Frar 1918)

Billi l-Patrijarka Camassei ma setax jirritorna Ġerusalemm għar-Randan tal-1918, Fellinger talab il-preżenza ta' isqof Latin biex ikun jista' jippresiedi ċ-ċelebrazzjonijiet tar-Randan u jbierek iż-żjut imqaddsa fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Is-Santa Sede ħatret lil Aurelio Briante, vigarju u delegat apostoliku fl-Eġittu, biex iqatta' r-Randan kollu f'Ġerusalemm ħalli jmexxi ċ-ċelebrazzjonijiet fil-Qabar ta' Kristu. Briante, li kien Kustodju tal-Art Imqaddsa u għaldaqstant kien patri Franġiskan, qatt ma wasal minħabba li saħħtu ma ħallitux. Sadanittant Ferdinando Diotallevi kien għadda minn Lixandra u ltaqa' ma' Briante meta kien fi triqtu lejn Ġerusalemm bħala Kustodju ġdid, u hekk Briante ħaseb li l-Kustodju l-ġdid seta' eventwalment jippresiedi fiċ-ċelebrazzjonijiet. Għalkemm Diotallevi wasal Ġerusalemm fil-15 ta' Frar, mingħajr ħadd ma kien jaf xejn, Castellani baqa' għaddej u ppresieda hu l-ingress solenni tal-ewwel Ħadd tar-Randan, u dan bil-kunsens u l-għarfien ta' Diotallevi. Din il-mossa mill-ġdid xegħlet l-oppożizzjoni ta' Fellinger u tal-kanoniċi tal-Patrijarkat.

Diotallevi ddefenda lil Castellani billi qal li, għalkemm il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu kienet meqjusa bħala l-knisja kattidrali tal-Patrijarka Latin (fattur li kien rikonoxxut


*Mons Luigi Piccardo*



*Kardinal Francis Bourne*

ukoll mill-Patrijarki Grieg u Armen Ortodoss), fil-fatt kienu l-Franġiskani li kienu juffiċjaw dan is-Santwarju u l-veri kanoniċi fil-Bażilika kienu d-Diskrieti (Kunsillieri) tal-Art Imqaddsa. Il-kanoniċi tal-Patrijarkat kienu kanoniċi tal-kon-kattedral tal-Isem Imqaddes ta' Ġesù, u fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu huma kienu biss "kanoniċi onorarji". Diotallevi spjega wkoll għaliex ma kienx hu personalment li mexxa l-ingress solenni fl-ewwel Ħadd tar-Randan. Billi kien Kustodju ġdid, hu kellu d-dritt li jagħmel l-ewwel ingress solenni tiegħu fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, u għaldaqstant ma setax jagħmel l-ingress solenni tar-Randan qabel ma jieħu pussess tal-uffiċċju tiegħu, għaliex inkella l-Griegi kienu jibdew iqisu li dan id-dritt ta' ingress solenni kien issa ntilef min-naħa tal-Kustodju. Din kienet ir-raġuni għaliex hu kien iddelega lil Castellani biex jagħmel l-ingress solenni.

## Il-Quddiesa pontifikali tal-Kardinal Bourne fil-Qabar ta' Kristu (23 ta' Jannar 1919)

Meta Barlassina kien għadu isqof awżiljarju ta' Ġerusalemm, hu pprotesta quddiem *Propaganda Fide* kontra l-Kustodju Diotallevi, għax dan kien arbitarjament iċċelebra Quddiesa pontifikali ta' ringrazzjament għall-ħelsien tal-Postijiet Qaddisa (14 ta' Ottubru 1918) u għax kien ta permess għall-ingress solenni tal-Kardinal Filippo Giustini fil-Qabar ta' Kristu. Min-naħa tiegħu Diotallevi insista li hu kien informa lill-Patrijarka Latin b'dan l-ingress solenni. Barlassina, li kien liturġista, insista mal-Patrijarka Camassei li hu ma kellux jikkonċedi l-użu tat-tron u tal-baklu lill-Kardinal Giustini. Barlassina kien ħassu żgur fl-argumenti tiegħu, għaliex hu kien arċipriet tal-Bażilika ta' San Giovanni in Laterano. Fit-23 ta' Jannar 1919 il-Kardinal Francis Bourne, Arċisqof ta' Westminster, kien għamel ingress solenni u ċċelebra Quddiesa pontifikali fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Min-naħa tal-Kustodja dan il-ġest kellu l-iskop li juri li l-Franġiskani kienu jaċċettaw l-istat ġdid tal-affarijiet politiċi fl-Art Imqaddsa, bil-Mandat Britanniku fuq il-Palestina, kif ukoll biex titnaqqas l-influwenza ta' Franza bħala protettriċi tal-Postijiet Qaddisa. Dan kollu kompla saħħan it-tensjonijiet mal-Patrijarkat Latin, li kien favur Franza fl-attitudni tiegħu lejn il-politika. Fit-tweġibiet tiegħu għall-protesti ta'


*Kardinal Gasparri*

Barlassina, Diotallevi wieġeb billi qal li t-twaqqif mill-ġdid tal-Patrijarkat ma neżżax lill-Franġiskani mid-drittijiet u l-privileġġi antiki li kienu jgawdu bħala l-proprjetarji leġittimi tal-Postijiet Qaddisa f'isem il-Papa, u għaldaqstant huma setgħu jistiednu lil min iridu huma biex imexxu l-liturġiji solenni fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, sakemm dawn ma kinux dritt uniku tal-Patrijarka jew tal-Kustodju. Diotallevi wkoll ikkjarifika ma' *Propaganda Fide* li l-Patrijarka Valerga kien bena l-kon-kattedral tal-Isem Imqaddes fil-kumpless tal-Patrijarkat Latin, preċiżament sabiex il-Patrijarka jkollu l-Knisja tiegħu biex fiha jkun jista' jeżerċita l-ministeru tiegħu b'libertà sħiħa. B'dan il-mod hu wera li kienet l-intenzjoni tiegħu li jikkonserva l-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu bit-titlu ta' Kattidral onorifiku, fejn il-Patrijarka seta' jmexxi ċ-ċelebrazzjonijiet pontifikali li kienu dritta tiegħu skont il-liġi. Fl-okkażjonijiet l-oħrajn kollha kien il-Kustodju li kien jiddeċiedi dwar min kellu jiċċelebra fil-Qabar ta' Kristu, u kull kardinal jew isqof li kien jiċċelebra kien assistit mir-reliġjużi Franġiskani li kienu juffiċjaw is-Santwarju u mhux mill-kanoniċi tal-Patrijarkat.

## Il-kwestjoni tas-Santwarji

Is-sitwazzjoni fluwida tal-ewwel nofs seklu tal-eżistenza tal-Patrijarkat Latin ta' Ġerusalemm, imwaqqaf mill-ġdid, wasslet lil *Propaganda Fide* u lis-Segretarjat tal-Istat biex jitrattaw il-kwestjoni tal-Postijiet Qaddisa kemm mal-Kustodja kif ukoll mal-Patrijarkat. Dawn id-dikasteri kellhom iżommu korrispondenza l-aktar mal-Patrijarkat speċjalment fi żmien il-Patrijarki Giuseppe Valerga (1847-1872) u Vincenzo Bracco (1873-1889), u mal-Franġiskani minn żmien Ludovico Piavi (28 ta' Awissu 1889) sal-Ewwel Gwerra Dinjija.

Fl-4 ta' Ottubru 1918, matul iċ-ċelebrazzjonijiet tas-7 ċentenarju tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, il-Papa kien ippubblika l-Breve *Inclytum Fratrum Minorum conditorem* (*Acta Apostolicae Sedis*, Romae 1918, 437-439), li fih reġa' ikkonferma d-drittijiet antiki li kienu jgawdu l-Franġiskani fil-Postijiet Qaddisa. Barlassina kien jaf b'dan il-Breve, u kien konxju li l-fatt li ġie ppubblikat ftit xhur wara li reġgħu xegħlu l-problemi bejn il-Patrijarkat u l-Kustodja, fi żmien meta Camassei kien għadu fl-eżilju f'Nazaret, kien ifisser it-tnaqqis tad-drittijiet li kienu ġew akkwistati mill-Patrijarkat Latin f'relazzjoni mal-Kustodja. B'hekk Barlassina għamel diversi

rikorsi lis-Santa Sede u, fost affarijiet oħrajn, afferma li l-awtorità tal-Patrijarka fuq il-Postijiet Qaddisa kienet ġiet rikonoxxuta mis-Santa Sede; li kull kwestjoni kellha tiġi studjata flimkien bejn il-Patrijarka u l-Kustodju, imma li kellu jkun il-Patrijarka li kellu jippreżenta kollox lis-Segretarjat tal-Istat u lil *Propaganda Fide*; li l-konsli onorarji kellhom jagħmlu riferiment ukoll lill-Patrijarka; li l-Patrijarka kellu d-dritt li japprova kull bini ġdid jew restawri fil-Postijiet Qaddisa. Barlassina kien kontra l-użu tal-kelma "pussess" tal-Postijiet Qaddisa min-naħa tal-Franġiskani. Kien jinsisti li, fid-dokumentazzjoni li kienet ġiet indirizzata lill-Ordni Franġiskan, is-Santa Sede kienet titkellem mid-dmir li l-Franġiskani kellhom "jassistu", "jieħdu ħsieb" u jkunu "kustodji" tal-Postijiet Qaddisa. Barlassina kkonkluda li ma kienx possibbli li żewġ awtoritajiet ta' kalibru ugwali jeżistu fl-istess post, u li l-ġurisdizzjoni tal-Kustodju kienet għaldaqstant limitata għall-membri reliġjużi tal-Ordni tiegħu, u li l-Kustodju kellu jħalli f'idejn il-Patrijarka biex jitrattaw mal-awtoritajiet ekkleżjastiċi u ċivili rigward kwestjonijiet li kellhom x'jaqsmu mal-Postijiet Qaddisa.


*Kardinal Filippo Giustini*

Min-naħa tagħhom il-Franġiskani wieġbu billi qalu li l-istatus tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa kienet dik ta' provinċja reliġjuża eżenti li kellha d-dmir speċjali li tieħu f'idejha l-kustodja tal-Postijiet Qaddisa, u li l-Patrijiet Minuri kellhom id-dritt li jkunu *kustodji*, u li għalhekk *jiggvernaw* u *jmexxu* l-missjoni tagħhom fl-Art Imqaddsa skont l-intenzjonijiet tal-Papiet meta kienu fdaw f'idejhom din il-fakultà.

Diotallevi kompla jinsisti li, sa mill-1847, is-Santa Sede kienet prattikament dejjem irreferiet għall-Franġiskani kull meta kellha taffaċċja problemi li kellhom x'jaqsmu mal-Postijiet Qaddisa, u li l-konsli onorarji qatt ma kienu avviċinaw lill-Patrijarka fuq kwestjonijiet rigward Santwarji, imma biss biex jiksbu l-unuri ekkleżjastiċi waqt iċ-ċelebrazzjonijiet fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu jew fil-knisja ta' San Salvatur. Fl-aħħarnett Diotallevi qal li kien il-Papa nnifsu li kien fdalu f'idejh, bħala Kustodju, u mhux f'idejn il-Patrijarka Latin, id-dmir li jattendi l-konferenza tal-paċi f'Pariġi bħala r-rappreżentant

uffiċjali tal-Knisja Kattolika fil-kwestjoni tal-Postijiet Qaddisa.

## L-iskejjel tal-Kustodja

Il-Breve *Romani pontifices* tat-18 ta' Awissu 1846 kien ta istruzzjonijiet lill-Kustodju biex jieħu kura tal-iskejjel tal-Kustodja u jwaqqaf skejjel ġodda tat-Terra Santa u anke jistieden għalliema esperti reliġjużi mill-Ewropa. *Propaganda Fide* kienet ħalliet f'idejn il-kappillani d-dmir li jieħdu ħsieb tal-iskejjel, billi huma kienu midħla tal-ilsien Għarbi. Id-digriet *Licet* tad-9 ta' Settembru 1851 kien iqis lill-Patrijarka Latin bħala dak li kellu "l-awtorità ta' Ordinarju" fuq l-iskejjel Kattoliċi fil-Palestina u f'Ċipru.

Min-naħa tiegħu l-Patrijarka Latin ipprotesta li ħafna reliġjużi li kienu jgħallmu fl-iskejjel tat-Terra Santa ma kinux jafu l-Għarbi, u li hu kellu jkollu l-awtorità li japprova l-għalliema li kienu jaħdmu f'dawn l-iskejjel. Min-naħa tagħhom il-Franġiskani kienu jridu li jkun il-Kustodju li japprova l-għalliema fl-iskejjel tal-Kustodja u li l-kappillani jkollhom f'idejhom il-kura ġenerali tal-iskejjel. Diotallevi qabel li kellu jikkollabora mal-Patrijarkat, imma mhux għad-detriment tat-tradizzjoni u l-esperjenza twila tal-Franġiskani. Fuq kollox qal li l-insara fl-Art Imqaddsa ma kinux jitkellmu biss l-Għarbi, imma ilsna oħrajn ukoll, għax kienu membri ta' diversi Knejjes Kristjani.

## L-amministrazzjoni finanazjarja tad-djoċesi Patrijarkali

Kif wieħed jista' jistenna, il-kwestjonijiet finanzjarji kienu kawża ta' diviżjonijiet profondi bejn il-Kustodja u l-Patrijarkat. *Propaganda Fide* kienet talbet lill-Kustodja fl-1893-1894 biex tgħaddi 75 elf Franki lill-Patrijarkat, 50 elf mill-kaxxa tal-Kustodja u 25 elf mis-Soċjetà ta' Cologna favur il-Postijiet Qaddisa. Il-Kustodja kienet żammet fedeltà għal dan l-impenn sa ma faqqgħet l-ewwel Gwerra Dinjija. Il-Patrijarkat, min-naħa tiegħu, kien insista li l-Kustodja kellha tħallas dawn il-flus bil-valur ta' "Franki tad-deheb". Diotallevi kkalkula li din it-talba kienet tfisser


*L-Anastasis Knisja tas-Santu Sepulkru*

li l-Kustodja kienet tispiċċa jkollha tagħti 130 elf Franki lill-Patrijarkat, u hi ma kinetx fi stat li tagħti din is-somma kbira ta' flus fil-kriżi ekonomika li l-Kustodja sabet ruħha fiha fi tmiem l-ewwel Gwerra Dinjija. Min-naħa tiegħu Barlassina kompla jinsisti li l-Kustodja kellha tħallas l-ammont li kienet għadha ma ħallsitx bi Franki tad-deheb.

Quddiem *Propaganda Fide* Barlassina akkuża lil Diotallevi li kien qed iħallat l-offerti *pro Terra Sancta* (għall-Postijiet Qaddisa) ma' dawk *pro Custodia Terrae Sanctae* (għall-provinċja Franġiskana tal-Art Imqaddsa), li kienet tinkludi 477 patri li kienu jaħdmu f'57 kunvent fil-Palestina, Ċipru, Eġittu, Feniċja, Sirja, Armenja, Anatolja u Kostantinopli. Diotallevi wieġeb biex jiddefendi lill-Franġiskani. Hu qal li l-Kustodja kienet tirċievi donazzjonijiet mill-ġabra tal-Ġimgħa l-Kbira fid-djoċesijiet kollha, imma li kienet ukoll tirċievi donazzjonijiet oħrajn permezz tas-sagrifiċċji u l-ħidma iebsa tal-Kummissarji Franġiskani tal-Art Imqaddsa mxerrdin mad-dinja. Il-ġabra kienet bil-ħniena biżżejjed għaż-żamma tas-Santwarji, u kienet twassal għal biss 20 fil-mija tas-somma sħiħa li l-Franġiskani kellhom bżonn biex iżommu l-missjoni. Il-Kustodja kellha 17-il parroċċa fil-vigarjat apostoliku tas-Sirja, barra mit-territorju tal-Palestina, kif ukoll 15-il parroċċa oħra fil-vigarjat apostoliku tal-Eġittu. Minn total ta' 17-il elf Kristjan li kienu jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Patrijarka Latin ta' Ġerusalemm, il-Kustodja kienet responsabbli għall-kura pastorali u materjali ta' 14-il elf Kristjan fil-parroċċi li kienet tmexxi f'Ġerusalemm, Betleħem u Nazaret. Il-Patrijarka Latin kien jirċievi dħul ġeneruż biex jieħu ħsieb ta' biss 3 elef Kristjan u tas-seminarju li fih kien hemm bil-ħniena 10 seminaristi.

Diotallevi wkoll ipprotesta li d-dħul mill-Kavallieri tas-Santu Sepulkru, bl-Istruzzjoni *Sanctissimus Dominus* tal-10 ta' Diċembru 1847, issa kien qed jgħaddi direttament f'idejn il-Patrijarkat Latin. Il-Patrijarka mhux biss qatt ma għadda lill-Kustodja l-ħlas li kellu jagħtiha talli tipprovdi t-titli onorifiċi lill-Kavallieri tas-Santu Sepulkru, imma kellu wkoll il-wiċċ tost li jinsisti li l-Kustodja kellha tħallas hi għat-titli onorifiċi li kienet tagħti lill-benefatturi distinti tagħha.

## Il-privileġġi tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa u l-użu tal-kalendarju djoċesan fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu

Barlassina kien iqisha bħala użanza li għadda żmienha dik li l-festi fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu jiġu ċċelebrati skont il-kalendarju Ruman-Serafiku, jew Franġiskan. Diġà fl-1920, meta kien għadu amministratur apostoliku, kien talab lill-Franġiskani biex jaqilbu għall-użu tal-kalendarju djoċesan tal-Patrijarkat. Hu kien jibbaża l-argumenti tiegħu fuq reskritt tal-1870 mill-Kongregazzjoni tar-Riti, li kien jgħid li "fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, kulħadd hu obbligat li jsegwi l-Kalendarju tal-Patrijarkat." Barlassina kien jargumenta li, anke jekk il-Franġiskani kienu juffiċjaw il-Bażilika, din kienet il-Knisja Kattidrali tal-Patrijarkat, u mhux knisja tal-Ordni tal-Patrijiet Minuri.

Diotallevi kien jinsab f'Ruma u talab lill-President Kustodjali, Aurelio Marotta, biex iwieġeb lil Barlassina. Marotta qallu li r-reskritt qatt ma kien ġie implimentat u lanqas biss kien ġie trasmess lill-Kustodja. Fuq kollox "il-Franġiskani kienu l-kleru li kienu juffiċjaw il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, li anke meta saret Kattidral, qatt ma waqfet li tkun Knisja konventwali Franġiskani, kif kienet ilha għal aktar minn 500 sena."

Kien jidher li l-fjammi tal-inkwiet kienu qed jitqabbdu mill-Kanċillier tal-Patrijarkat, Filippo Talvacchia. Sadanittant Diotallevi għamel riċerka fl-Arkivju tal-Kurja Ġeneralizja tal-Ordni

Franġiskan f'Ruma. Hu sab dokumenti li kienu jippruvaw il-fatt li għal seba' sekli sħaħ il-Franġiskani fl-Art Imqaddsa kienu dejjem segwew il-Kalendarju proprju tal-Kustodja. Il-Patrijarka Valerga nnifsu, li kien wera tant oppożizzjoni lill-Kustodja, qatt ma kien qajjem pretensjoni bħal din. Fil-każ ta' abbaziji Benedittini famużi, bħal dik ta' Monte Cassino, l-isqof djoċesan qatt ma kien talab lill-monaċi biex jadottaw il-kalendarju djoċesan fil-liturġiji tagħhom. Diotallevi fakkar lil Barlassina li, fl-ittra apostolika *Nulla celebrior*, meta reġa' twaqqaf il-Patrijarkat Latin, il-Papa Piju IX kien ta l-knisja tal-Qabar ta' Kristu lill-Patrijarka bħala Kattidral *ad honorem*. Il-Patrijarka, fil-fatt, kien rarament jiċċelebra fil-Bażilika ħlief fl-okkażjonijiet solenni tar-Randan u tal-Ġimgħa Mqaddsa, u kien ġie mogħti d-dritt li juffiċja normalment l-ewwel fil-knisja parrokkjali ta' San Salvatur u aktar tard fil-kon-kattidral ġdid li kien bena, iddedikat lill-Isem Imqaddes ta' Ġesù.

Barlassina pprotesta li kienet ħaġa li ma titwemminx li l-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, l-ewwel santwarju tad-dinja, kellha tappartjeni biss lil xi Ordni reliġjuż jew li tkun ristretta lil xi nazzjon partikulari.

## Id-deċisjonijiet ta' *Propaganda Fide*

Il-kardinal Michele Lega ppreżenta tweġiba għal dawn il-problemi kollha fl-14 ta' Ġunju 1920. Hu qal li għal bosta snin id-drittijiet u dmirijiet reċiproċi tal-Kustodja u tal-Patrijarkat kienu għadhom ma ġewx definiti b'mod ċar. Hu beda billi jgħid li l-Patrijarkat Latin kellu bżonn isaħħaħ il-preżenza tiegħu u l-formazzjoni tal-kleru, kif ukoll l-istituzzjonijiet edukattivi tiegħu, l-aktar fit-Transġordanja, u faħħar lil Barlassina għall-attività u ħeġġa tiegħu, li kienu magħrufin sewwa fil-Kongregazzjoni *Propaganda Fide*. Ir-reliġjużi Franġiskani kellhom bżonn ikabbru l-ħeġġa apostolika tagħhom u ma jibqgħux marbutin ma' interessi nazzjonalistiċi, u kellhom jikkoperaw mal-Patrijarkat għall-ġid tal-erwieħ.

Il-Kongregazzjoni ġenerali tal-14 ta' Ġunju 1920 ippreżentat dawn



*Bażilika tal-Ġetsemani*

is-soluzzjonijiet għal seba' problemi ewlenin li kienu għadhom jeżistu bejn il-Patrijarkat Latin u l-Kustodja tal-Art Imqaddsa.

1. Il-Papa kellu jiżgura li, kemm il-Patrijarkat Latin kif ukoll il-Kustodja kellhom jagħmlu riferiment dirett għal *Propaganda Fide* kull meta jinqalgħu kwestjonijiet ta' interess jew tensjoni reċiproka.

2. Il-Kustodja tal-Art Imqaddsa kellha ssir aktar internazzjonali, biex hekk twieġeb għall-bżonnijiet dejjem jinbidlu taż-żminijiet. Il-ministru ġeneral ġie mitlub li jordna li fid-Diskretorju tal-Kustodja jiġi elett ukoll patri "Ingliż" jew "Amerikan".

3. Il-Patrijarka Latin kellu d-dritt li jissorvelja l-Postijiet Qaddisa bħala "patrimonju tal-Knisja universali", irrispettivament mill-familja reliġjuża li f'idejha kienet imħollija l-kura tagħhom. Il-Kustodja ma setgħetx tibni jew tirrestawra Santwarji mingħajr il-kunsens tal-Patrijarka. Min-naħa tiegħu, iżda, l-Patrijarka ma setax jaġixxi fuq il-kwestjoni tal-Postijiet Qaddisa mingħajr ma qabel jikkonsulta mal-Kustodju tal-Art Imqaddsa.

4. Il-Franġiskani kellhom jaċċettaw il-prinċipju li l-Ordinarju (isqof) tad-djoċesi kellu d-dritt li jissorvelja l-iskejjel Kattoliċi, li jagħmel il-viżta fihom, u li jipprovdi għall-formazzjoni morali u reliġjuża tal-għalliema.

5. Rigward il-finanzi, l-Kustodja kienet obbligata li tħallas lill-Patrijarkat is-somma annwali ta' 75 elf Franki tad-deheb. Il-Kustodju ma setax iqassam titli onorifiċi tal-membri tal-Ordni tas-Santu Sepulkru lill-benefatturi tal-Postijiet Qaddisa, u l-Patrijarka ma kienx obbligat li jiddeposita l-offerti għal dawn it-titli onorifiċi fil-kaxxa tal-Kustodja. Il-Patrijarka kellu d-dritt li jitlob taxxa favur is-seminarju mill-istituti reliġjużi kollha preżenti fil-Palestina.

6. Il-kardinali ċaħdu t-talba ta' Barlassina li l-Franġiskani fil-Qabar ta' Kristu kellhom jadottaw il-kalendarju liturġiku tal-Patrijarkat. Kull meta l-Patrijarka jew l-isqof awżiljarju tiegħu kienu jkunu assenti għall-ingress solenni tal-Milied f'Betleħem, id-dritt kellu jaqa' fuq il-Kustodju tal-Art Imqaddsa jew il-vigarju tiegħu. Il-lista ta' qassisin li kellhom jiċċelebraw il-Quddiesa fil-Grotta tan-Natività kellha titfassal mill-Kustodju bi qbil mal-Patrijarka.

7. Il-Patrijarka kellu jara li jseħħ l-aġġornament tal-formazzjoni reliġjuża u kulturali fid-djoċesi tiegħu, b'mod partikulari biex jaffaċċja l-influwenza tal-Protestanti fost il-Kattoliċi. Għal din ir-raġuni kien importanti li jippromwovi l-istudju tal-Ingliż u l-Għarbi fl-iskejjel Kattoliċi.

Ir-risposta għall-Patrijarkat ġiet ikkomunikata mill-Kardinal van Rossum, li kkonkluda li dan il-ftehim kellu jġib "tisħiħ tal-ispirtu ta' paċi u qbil bejn il-Kustodja u l-Patrijarkat."



# IL-ĦNIENA TA' ALLA U TAL-BNEDMIN FIL-BIBBJA

*Fr Charles Buttigieg*

*"Li kieku kontu tafu xi jfissru l-kelmiet, 'Ħniena rrid, u mhux sagrifiċċju', ma kontux tikkundannaw lil min hu bla ħtija" (Mattew 12:7)*

## Il-Ħniena ta' Alla fl-Antik Testment

L-istorja tas-salvazzjoni li naraw fil-Bibbja hija mingħajr dubju l-istorja tal-imħabba u tal-ħniena infinita ta' Alla għall-bnedmin li bdiet bl-opra tal-ħolqien u tkompliet bl-opra tal-fidwa tal-bniedem li kien waqa' fid-dnub. Din il-ħniena ta' Alla narawha tidwi f'kull ktieb tal-Bibbja. Din il-ħniena ta' Alla turi fuq kollox l-aspett ta' tenerezza, ta' mogħdrija u fuq kollox l-aspett matern tal-imħabba tiegħu kif tfisser il-kelma Ebrajka *rahamim* li tirriferi għall-ġuf (bl-Ebrajk: *rehem*) tal-omm, għaliex Alla huwa Missier li jħobbna bit-tenerezza ta' omm. Il-kelma *rahamim* litteralment tfisser 'il-ġewwieni' jew 'l-imsaren' tal-bniedem waqt li metaforikament tirreferi wkoll għall-qalb tal-bniedem bħala ċ-ċentru tal-emozzjonijiet u tal-ħsibijiet. Il-kelma Griega għall-ġewwieni hija *splanchna*: "Jaqaw Efrajm l-iben għażiż! Jaqaw it-tfajjel tal-għaxqa tiegħi? Għax kull meta nitkellem kontrih, jien niftakar aktar fih. Għalhekk ġewwenija mqanqla għalih; u żgur li nħenn għalih, oraklu tal-Mulej" (Ġeremija 31:20).

Il-kelma Griega għall-ħniena hija *eleeo* (verb), *eleemon* (aġġettiv) u *eleos* (nom), li tfisser ukoll kompassjoni, tjubija, imħabba, maħfra u mogħdrija. B'rabta ma' din il-kelma Griega għandna l-kelma *eleemosune* li tfisser opri tal-ħniena, bil-Malti għandna 'elemożina' li tfisser 'karità'. Fit-traduzzjoni Griega tal-Antik Testment il-kelma Griega *eleos* tittraduċi għal kważi 200 darba kelma oħra Ebrajka marbuta mal-ħniena li hija *hesed* li litteralment tfisser 'imħabba ħanina' jew 'tjubija'. Il-kelma *hesed* hija tradotta fil-kelma Griega *eleemosune* 8 darbiet. Min-naħa l-oħra *eleeo* tittraduċi l-Ebrajk *hanan* 38 darba u l-Ebrajk *raham* 25 darba.

F'dan it-tifsir ta' dawn il-kliem insibu kliem ieħor li għandu l-istess sinifikat



għall-ħniena, bħal il-kelma Ebrajka *hanan* u dawk Griegi *oiktirmos* li tfisser 'simpatija', *charis* li tfisser 'grazzja' u *hileos* li tfisser 'taħfer'. Insibu wkoll kelma oħra Ebrajka li tidħol ukoll fil-kuntest tas-sinifikat tal-ħniena li huwa l-verb *sadaq* li tfisser 'tkun ġust' li nsibuh 41 darba fl-Antik Testment, waqt li l-aġġettiv *saddiq* insibuh 208 darbiet. In-nom maskil *sedeq* insibuh 117-il darba u n-nom femminil *sedaqah* li nsibuh 155 darba. U għalhekk dejjem hemm din ir-rabta tal-ħniena u tal-ġustizzja ta' Alla flimkien, kif jurina s-salm 103:8: "Ħanin u twajjeb il-Mulej, idum ma jagħdab u kollu mogħdrija." Il-kelma Griega għal *saddiq* hija *dikaios* li hija applikata għal diversi persuni ġusti fil-Bibbja. Infatti t-traduzzjoni Griega tal-Antik Testment dik tas-Sebgħin tirrendi *sedaqah* bil-kelma *eleos* tliet darbiet f'Isaija 56:1; f'Eżekjel 18:19 u 21, u għall-'atti tal-ħniena' bil-kelma *eleemosune* għaxar darbiet. Il-kelma Ebrajka *sedaqah* hija wkoll marbuta mal-kelma l-oħra Ebrajka *shalom* li tfisser 'paċi'. Hemm kelma oħra Griega *oiktirmos* li tfisser 'turi simpatija', fil-fatt *oiktiro* tittraduċi *rahamim* ħdax-il darba.

Id-Dewteronomju jurina li Alla huwa tassew ħanin: "Għaliex il-Mulej Alla tiegħek, hu Alla ħanin (*rahayim*), ma jitilqekx u ma jeqirdekx, u anqas ma jinsa l-patt li ħalef lil missirijietek u li għamel magħhom" (Dewt 4:31) u hekk ukoll naqraw fil-Lamentazzjonijiet: "Il-ħniena tal-Mulej bla tmiem; tjubitu ma tonqos qatt" (Lamentazzjonijiet 3:22). Hekk ukoll naraw fl-istorja tal-ħelsien tal-poplu Lhudi, meħlus minn Alla l-ħanin mill-jasar tal-Eġittu: "imma nagħder sal-elf nisel lil min iħobbni u jżomm il-kmandamenti tiegħi." (Eżodu 20:6).

Naraw lill-bniedem jagħraf ukoll kemm Alla huwa dejjem ħanin miegħu permezz tal-patrijarki, imħallfin, u l-profeti li huwa bagħat fost il-poplu tiegħu: "U l-Mulej għadda minn quddiemu u għajjat: "Jaħweh! Jaħweh! Alla li jagħder u jħenn; tqil biex jagħdab u kbir fit-tjieba u l-fedeltà" (Eżodu 34:6); "Imma fil-ħniena kbira tiegħek, int ma ġibthomx fix-xejn, u lanqas ħallejthom



weħidhom, għax int Alla ħanin u twajjeb. (Neħemija 9:31). Din il-ħniena ta' Alla narawha fuq kollox fil-kitbiet tas-Salmi fejn naraw ħafna drabi l-bniedem midneb jew sofferenti li jdur lejn il-ħniena ta' Alla: "Uri t-tjieba tiegħek tal-għaġeb; int li teħles mill-għedewwa, lil min jittama fil-leminija tiegħek" (Salm 17:7); "Ftakar fil-ħniena u t-tjieba tiegħek, għax huma minn dejjem, Mulej" (Salm 25:6); "Int, Alla Sidi, ħanin u twajjeb, iddum biex tagħdab, kollok tjieba u fedeltà" (Salm 86:15); "Miegħu jkunu l-fedeltà u t-tjieba tiegħi; b'ismi tissaħħaħ il-qawwa tiegħu" (Salm 88:25); "Ħanin u twajjeb il-Mulej, idum ma jagħdab u kollu mogħdrija" (Salm 103:8); "Waqqaf tifkira bl-għeġubijiet tiegħu; twajjeb u ħanin (*hanan*) il-Mulej" (Salm 111:4); u "Twajjeb u ħanin (*hanan*) il-Mulej, idum biex jagħdab u kollu tjieba" (Salm 145:8).

## Il-Ħniena ta' Ġesù

Ġesù fl-evanġelji narawh ixandar u jwettaq il-ħniena kontinwament speċjalment mal-morda: "Mqanqal mill-ħniena, Ġesù medd idu fuqu, messu u qallu 'Irrid, kun imnaddaf'" (Mark 1:41). Huwa jeħles lill-bniedem mill-jasar tad-dnub bħalma naraw meta fejjaq l-imxajtan ta' Ġerasa (Mark 5:1-20), u lill-morda kollha (Luqa 4:41). Naraw lil Ġesù li għax hu ħanin ma jiddejjaqx ifejjaq raġel li kellu idu niexfa f'jum is-Sibt. Hekk ukoll xandar Ġesù fis-sinagoga ta' Nazaret li kien se jniedi s-sena tal-ħniena u tal-grazzja tal-Mulej. Huwa stess ħafer lill-midneb u ħenn għalih kif naraw fl-episodju tal-adultera (Ġw 8:1-11), kif ukoll lil dawk li sallbuh. Huwa jikkundanna d-dnub imma jsalva lill-midneb. Fl-għażla tal-appostlu San Mattew, Ġesù ħenn għalih u għażlu minn fuq il-mejda tal-pubblikan kif naraw f'Mattew 9:9. Naraw ukoll lil Ġesù iħenn għall-folla li kienet issa merħla mingħajr ragħaj (ara Matt 9:36-38) u kif huwa wettaq il-miraklu tat-tkattir tal-ħobż quddiem folla enormi (ara Matt 15:32-38).

Il-mirakli li huwa wettaq huma turija ta' din il-ħniena divina ta' Alla: "Iżda hu ma ħallihx, u qallu: "Mur inġabar id-dar ma' niesek, u għidilhom kulma għamel miegħek il-Mulej, u kif ħenn għalik." (Mark 5:19). Naraw lil Ġesù iħenn għall-armla ta' Najn u jqajjem l-uniku tifel li kellha (ara Luqa 7:11-15). Interessanti li l-isem tal-għajn ta' Bethesda jfisser 'il-post tal-ħniena' fejn kien isir il-fejqan u fejn Ġesù fejjaq huwa wkoll kif inisbu f'Ġwanni 9:3. Ġesù bħala r-Ragħaj it-Tajjeb narawh jagħmel minn kollox għal nagħġa l-mitlufa. Huwa għandu dejjem attenzjoni (bil-Grieg: *melei*) għall-midneb. Huwa jgħallimna biex aħna wkoll inħennu lil xulxin: "Henjin dawk li jħennu (*eleemon*) għax huma jsibu ħniena (*eleeo*)" (Mattew 5:7); "Mela morru tgħallmu x'jiġifieri, 'Ħniena rrid, u mhux sagrifiċċju'; għax mhux lill-ġusti ġejt insejjaħ, iżda lill-midinbin." (Mattew 9:13); u "Ħennu (*oiktirmon*), bħalma hu ħanin Missierkom" (Luqa 6:36).

Anke l-Madonna tagħraf din il-ħniena ta' Alla kif naraw fil-*Magnificat*: "Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien fuq dawk li jibżgħu minnu" (Lq 1:50), kif ukoll Zakkarija fil-*Benedictus*: «mogħtija mill-qalb ħanina ta' Alla tagħna, li mill-għoli jiġi jżurna bħax-xemx tielgħa » (Luqa 1:78).

Hu fuq kollox għallem din il-ħniena fit-tagħlim li wettaq u fil-parabboli tiegħu kif naraw fil-parabbola tal-Iben il-Ħali: "Qam, u telaq għal għand missieru. Iżda kif kien għadu fil-bogħod missieru lemħu u tħassru (*esplanchnisthe*), u b'ġirja waħda mar inxteħet fuq għonqu u biesu" (Luqa 15:20). Għandna wkoll il-parabbola tas-sid li jaħfer mill-qalb, bil-Grieg: *charizomai*, id-dejn tal-qaddej tiegħu: "Is-sinjur ġietu ħasra (*splanchnistheis*) minn dak il-qaddej, bagħtu u ħafirlu dejnu" (Matt 18:27), u wara li sema' li huwa ma ħafirx id-dejn żgħir qallu: "ma kienx imissek int ukoll tħenn għal sieħbek kif ħennejt jien għalik?" (Matt 18:33). Għandna l-parabbola wkoll tas-samaritan it-tajjeb, fejn naraw samaritan li kien iterraq fil-vjaġġ,bil-Grieg: *hodeuo*, jiġifieri lejn Ġerusalemm, u għalhekk forsi sabiex iwettaq id-dmirijiet reliġjużi tiegħu, li waqaf u ħenn, bil-Grieg: *splanchnizomai*, għall-ferut li kien kważi mejjet: "Imma kien għaddej minn hemm wieħed Samaritan, wasal ħdejh, rah u tħassru" (Lq 10:33). Il-verb Grieg għall-ħniena juri atteġġjament profond mill-iktar interjuri, biex ngħidu hekk mill-ġewwieni tal-bniedem.



Min jagħraf lil Ġesù jara l-ħniena ta' Alla l-Missier. Bernard Haring jgħid li Ġesù huwa s-sagrament il-kbir tal-ħniena.

## Il-Ħniena fit-Tagħlim ta' San Pawl u tal-Appostli

Għal San Pawl l-'imħabba ħanina' hija l-qofol tad-doni kollha li jagħti Alla lill-bniedem. L-imħabba fuq kollox għandha tkun ċ-ċentru tal-ħajja nisranija u tal-ħajja tal-komunità għaliex il-bniedem kontinwament iduq minn din il-ħniena u l-imħabba ta' Alla u għalhekk għandu jkun hekk ukoll mal-proxxmu tiegħu. Nistgħu ngħidu għalhekk li l-kelma u l-ħsieb tal-imħabba jidwu kontinwament fl-ittri kollha ta' San Pawl. It-terminu li l-iktar li juża San Pawl għall-'imħabba', ibbażata fuq ir-rispett veru lejn xulxin b'rabta mal-imħabba divina', huwa l-verb Grieg *agapao*. Infatti n-nominattiv 'agape' insibuh 75 darba; il-verb *agapao* 34 darba; il-parteċipju maħbub, *agapetos* 27 darba. Hija għalhekk imħabba vera u għalhekk differenti mit-termini l-oħra għall-'imħabba' li nsibu fil-Grieg klassiku, pereżempju l-kelma *eros*, li hija imħabba tal-bniedem lejh innifsu. Insibu f'San Pawl termini oħra li għandhom din ir-rabta mal-imħabba ħanina, fuq kollox il-kelma Griega *eleeo*, 'li turi ħniena', li nsibuha 12-il darba f'San Pawl u n-nominattiv *eleos* 'il-ħniena' li nsibuha 10 darbiet, dejjem kważi huma applikati għal Alla. Għandna kelmiet oħra bħal *phileo*, pereżempju *philadelphia* li tfisser 'fratellanza', jew 'imħabba familjari' li nsibuha darbtejn f'San Pawl; *philanthropia*, 'imħabba għall-umanità' li nsibuha darba; *philema*, li tfisser 'bewsa' li nsibuha 4 darbiet; *philotheos*, 'li jħobb lil Alla' insibuha darba; *philoxenia*, 'ospitalità' ukoll darba oħra.

San Pawl jitkellem mill-ħniena ta' Alla fl-ittri tiegħu kif insibu: "Alla, għani fil-ħniena tiegħu, bis-saħħa tal-imħabba kbira li biha ħabbna" (Efesin 2:4); "Nitlobkom ħuti, għall-ħniena ta' Alla, offru ġisimkom b'sagrifiċċju ħaj, qaddis, jogħġob lil Alla, jiġifieri l-qima spiritwali tagħkom" (Rumani 12:1); "Alla qal lil Mosè: "Inħenn għal min iħenn; u nitħassar lil min nitħassar." Mhux x'wieħed irid jew kemm jitħabat li jgħodd, iżda għal min Alla jħenn (Rumani 9:15-16); "Tassew li kien marid għall-mewt; iżda Alla ħenn għalih, u mhux biss għalih, imma għalija wkoll u b'hekk ma kellix għali fuq għali" (Filippin 2:27); "Dwar dawk li m'humiex miżżewġin, ma għandi ebda preċett mill-Mulej, iżda nagħtikom parir bħala wieħed li, għall-ħniena tal-Mulej, hu bniedem ta' fiduċja" (1 Kor 7:25); "Mbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, Missier il-ħniena, *oiktirmon* u Alla ta' kull faraġ, *paraklesis*" (2 Kor 1:3); "Iżda meta feġġet it-tjieba, *krestotes* ta' Alla, Salvatur tagħna, u l-imħabba, *philanthropia* tiegħu għall-bnedmin, hu salvana bil-ħasil ta' twelid ġdid u t-tiġdid tal-Ispirtu s-Santu, mhux minħabba l-opri tajba li stajna għamilna aħna, iżda minħabba l-ħniena, *eleos* tiegħu" (Titu 3:5). San Pawl mhux biss jgħallem dwar din il-ħniena ta' Alla imma jistqarr li anke huwa daq minn din il-ħniena infinita: "lili li qabel kont dagħaj, persekutur u żeblieħi tiegħu. Iżda sibt il-ħniena, għax dak li għamilt għamiltu bla ma kont naf, billi kont għadni bla fidi" (1 Tim 1:13). Għalhekk huwa jitlob lill-komunitajiet insara biex iħennu u jħobbu lil xulxin: "Jekk hemm fikom xi faraġ fi Kristu; jekk hemm xi kelma ta' ħlewwa fl-imħabba; jekk hemm xi xirka fl-Ispirtu; jekk hemm xi ħniena u mogħdrija; kunu fehma waħda" (Filippin 2:1).

Din il-ħniena nkomplu narawha fl-Ittra lil-Lhud: "Għalhekk kellu jkun jixbah lil ħutu f'kollox, biex ikun il-qassis il-kbir, ħanin (*eleemon*) u fidil (*pistos*) f'dak li għandu x'jaqsam ma' Alla, u biex ipatti għal dnubiet il-poplu" (Lhud 2:17); "Għax aħna ma għandniex qassis il-kbir li ma jistax jagħder (*sympatheo*) id-dgħufija

tagħna, imma għandna wieħed li kien imġarrab bħalna f'kollox, minbarra d-dnub" (Lhud 4:15); "Ħa nersqu, mela, b'qalbna qawwija lejn it-tron tal-grazzja, biex naqilgħu ħniena u nsibu f'waqtha l-grazzja li neħtieġu" (Lhud 4:16), u "Jiena nħenn (*hileos*) għalihom fil-ħażen tagħhom, u fi dnubiethom ma niftakarx iżjed" (Lhud 8:12).

Dan it-tagħlim insibu ukoll fl-ittri kattoliċi: "Ikun imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, li fil-ħniena (*eleos*) kbira tiegħu raġa' wilidna għal tama ħajja bil-qawmien ta' Ġesù Kristu mill-imwiet" (1 Pietru 1:3); "Għax il-ħaqq ikun bla ħniena (*aneleos*) għal min ma jurix ħniena; u l-ħniena (*eleos*) tirbaħ fuq il-ħaqq" (Gakbu 2:13); "Dawk li żammew sħiħ sal-aħħar, araw, aħna nqisuhom bħala hienja. Smajtu bis-sabar ta' Ġob, u tafu kif bl-għajnuna tal-Mulej hu għalaq jiem ħajtu; għax il-Mulej jaf jagħder, u hu ħanin (*oiktirmon*) bil-bosta (*polusplanchnos*)" (Gak 5:11), u "Jalla jitkattru fuqkom il-ħniena, is-sliem u l-imħabba" (Ġuda 1:21).

## Biblijografija


Bultmann, R., "oiktiro, oiktirmos, oiktirmon", in *TDNT* 5 :161.

Corini, G., *Contro la sciatica del cuore. Spunti biblici sulla divina misericordia*, Bologna 2015.

*Dizionario di Paolo e delle sue Lettere*, G.F. Hawthorne – R.P. Martin – D.G. Reid (eds.), Torino 2000.

Doglio, C., *Cantero' in eterno la misericordia del Signore*, Cinisello Balsamo 2000.

Farland, I.A., "Who is my neighbour?: The Good Samaritan as a source for theological anthropology", in *Theology* 17 (2001) 62.

Ghidelli, C., *Peccato dell'uomo e misercordia di Dio*, Roma 1983.

Giovanni Paolo II, *Lettera Enciclica 'Dives in miseicordia'*, Vaticano, 30 novembre 1980.

Gilleman, G., *The primacy of Charity in Moral Theology*, Westminster 1961.

Justesen, J.P., "On the meaning of 'sadaq'", in Andrews Unversity Seminary Studies 2 (1964) 53-61.

Papa Francesco, *Lettera Apostolica 'Evangelii Gaudium'*, Vaticano, 24 Novembre 2013.

Papa Francesco, *Misericordiae Vultus*, Bolla di indizione del Giubileo straordinario della Misericordia, Vaticano 11 Aprile 2015.

Romaniuk, K., *Grembo di Dio. La misercordia nella Bibbia*, Milano 1999.

Rowe, R., "The concept of Compassion in the authentic Pauline Letters", in *Phronimon* 12 (2011) 65-80.

Sisti, S., "Misericordia", in *Nuovo Dizionario di Teologia Biblica*, Bologna 1996.

Spicq, C., "eleeo, eleos", in *TLNT* 1:471, 475.

Spohn, W.C., *Go and Do Likewise: Jesus and Ethics*, New York 2007.

Walter, N., "Splanchnizomai", in *Exegetical Dictionary of the New Testament*, III, Grand Rapids (MI) 1990.



# IL-QALB SAĊERDOTALI TA' KRISTU U DIK TAL-QASSIS FIT-TESTMENT IL-ĠDID

***Mons Lawrenz Sciberras***

Jeżiżtu rapporti l-aktar qawwijin bejn is-saċerdozju ministerjali u l-qalb saċerdotali ta' Kristu. Dawn ir-rapporti huma fondi ħafna u dan għaliex issa fil-Patt il-Ġdid, fejn li l-qassis ordnat għandu s-servizz, bħala għajn u ċentru hija l-Qalb ta' Kristu. Ħalli naraw kemm dan tassew huwa veru u reali.



## Saċerdozju minn barra biss

Fl-Ittra lil-Lhud meta jsir ix-xebh bejn is-saċerdozju tal-Patt il-Qadim u dak tal-Patt il-Ġdid, joħroġ sew għad-dawl li s-saċerdozju tal-Antik kien wieħed minn barra biss, mingħajr ma kellu xejn x'jaqsam mal-qalb. Fit-testment il-Qadim kultant niltaqgħu ma' frażijiet dwar xi sentimenti ta' qalb is-sultan. Eżempju: Salamun jitlob 'l Alla biex jagħtih "qalb ħelwa" (1 Slat 3,9), fil-waqt li l-ktieb tal-Proverbji jgħid li "Qalb is-sultan nixxiegħa ilma f'id il-Mulej" (Prov 21,1). Hawnhekk hawn tixbiha l-iktar sabiħa.

Aktar minn dan fit-Testment il-Qadim ma jitkellem xejn mill-qalb tal-qassis. Il-kult tal-antik ma kellu assolutament xejn x'jaqsam mal-qalb. Il-

kult, jiġifieri s-sagrifiċċji ta' kuljum li titlob il-Liġi u li kienu jsiru fit-tempju, kienu jsiru biss b'ritmu konvenzjonali estern, joffru bla għadd debħiet tal-annimali. Il-qassis kellu jagħmel dawn ir-riti u daqshekk biss biex jissodisfa dak li tordna l-Liġi. Il-qassis kien bla ebda ħeġġa u fervur qabel id-debħa u fl-istess sitwazzjoni ta' qalb baqa' wara li għamel id-debħa fuq l-artal.

Ġesù biddel dan il-kult estern u ta' drawwa, jiġifieri tas-soltu, f'kult personali u eżistenzjali. Dan għandu bil-fors jitlaq mill-qalb: Is-saċerdozju ta' Kristu jattwa l-Patt il-Ġdid, billi jikkonsisti fir-rigal ta' dawk li jemmnu f'qalb ġdida, u li f'din il-qalb jiġi msawwab l-Ispirtu s-Santu. Biex iwaqqaf il-Patt il-Ġdid, Ġesù aċċetta bidla sħiħa sagrifikali ta' qalbu stess sabiex jagħmel proprju qalb ġdida. Il-problema tas-saċerdozju u tal-kult hija problema tal-qalb; u dan sabiex wieħed joqrob dejjem aktar lejn Alla. Dan kien meħtieġ li jkollu qalb denja ta' Alla, imnaddfa, qaddisa u tassew miftuħa u doċli fir-relazzjonijiet ma' Alla, lejn l-imħabba li tkun ġejja minn għandu jiġifieri minn għand Alla. "Tgħallmu minni, għaliex jiena ta' qalb ħelwa u umli" (Mt 11,29).

Din il-kwalità ta' qalb fi żmien it-Testment il-Qadim ma kenitx teżiżti; din hija s-sitwazzjoni verament ta' swied il-qalb fi żmien daqshekk twil. Kollha kemm huma kellhom il-qalb perversa, ħażina u mħassra. Ħadd ma kellu tassew qalb ġusta u ħanina! Il-liġi – għajn b'għajn u sinna b'sinna, kilwa b'kilwa – kienu jafuha sew u kienu jipprattikawha wkoll! Kollha huma imtebba' bid-dnub u għalhekk huma 'l bogħod mill-Mulej, u xejn denji li jkollhom rapport miegħu. U dan għaliex qalbhom ma kenitx nadifa u safja.

Għalhekk fl-oraklu minn ta' Ġeremija, Alla wiegħed bidla ġenwina tal-qalb meta qal: Ara, dan huwa l-Patt il-Ġdid, jien għad nikteb il-Liġi tiegħi fi qlubhom. Liġi miktuba fuq il-ġebel ma setgħet qatt twassal għal għaqda vera bejn Alla u l-poplu, u dan għaliex din kienet ħaġa esterna kemm għal Alla kif ukoll għall-poplu. Il-profezija ta' Ġeremija tħabbar li dawk li jemmnu għad ikollhom (a) qalb ħelwa, dejjem lesta li tagħmel ir-rieda ta' Alla



bl-imħabba (b) qalb dejjem disposta mela mingħajr ħafna riservi u awtentika ma' Alla.

U sabiex jesprimi l-istess ħaġa f'manjiera aktar radikali, Eżekjel f'isem Alla, wiegħed qalb ġdida, u spirtu ġdid; għaliex ma kienx biżżejjed tikteb il-Liġi ta' Alla b'qalb xierfa, iżda kien hemm bżonn ta' bidla u din il-bidla tiġi bil-għajnuna tal-Ispirtu. "U nagħtikom qalb ġdida, u ruħ ġdida nqiegħed ġo fikom .... u nqiegħed l-ispirtu tiegħi ġo fikom" (Eżek 36, 26-27).

Biex wieħed jirċievi l-Ispirtu ta' Alla huwa ndispensabbli li jkollu qalb ġdida. Mela l-problema qiegħda li wieħed ikollu qalb umana, miftuħa għall-ispirtu ta' Alla, mingħajr ma jkun hemm ebda tfixkil. Il-qalb ta' Ġesù, sa mill-bidu kienet waħda perfetta li però aċċettat bidla u dan sabiex twettaq b'mod sħiħ il-pjan ta' Alla u sabiex tkun tista' tikkomunika mal-bnedmin.

Il-misteru tar-Redenzjoni huwa proprju dan. L-Iben ta' Alla ħa natura umana li din iġġorr is-sinjal tad-dnub. San Pawl dan jgħidu bil-qawwa: "F'sura ta' ġisem tad-dnub" (Rum 8,3). Mela ħtieġa ta' natura umana, fil-bżonn ta' bidla interjuri. Hawn qegħdin nitrattaw ma' bidla tal-qalb, li l-bniedem ikollu qalb ġdida, tassew ħelwa għal Alla u wkoll għall-oħrajn!

## Agunija u Passjoni.

Din il-bidla saret fil-passjoni ta' Ġesù. Aħna lkoll nafu li l-passjoni ta' Ġesù kienet tassew mument ta' dulur kbir ta' tbatija enormi kif ukoll ta' taqbida interna u dan l-aktar waqt l-agunija. Waqt l-agunija aħna nistgħu naraw tassew kemm Ġesù kellu qalb umana mikxufa għat-tbatija kemm fiżika kif ukoll dik tal-moħħ. U li din il-kwalità forsi kienet tweġġa' wisq aktar minn dik tal-ġisem! Waqt din it-tbatija ta' agunija Ġesù refa' fuqu l-ħniena ta' ħlewwa sħiħa lejn il-Missier: "Tkun magħmula mhux le r-rieda tiegħi imma dik tiegħek".

Ġesù ħa fuqu t-tbatijiet kollha tal-passjoni bħala okkażżjoni ta' ħlewwa straordinarja tal-qalb tiegħu u din lejn ir-rieda ta' Alla. L-ittra lil-Lhud tgħid li Ġesù "tgħallem minn dak li bata xi tfisser l-ubbidjenza"



(Lhud 5,8). Mela hawn għandna tbatija diretta fl-ewwel persuna. Ġesù ried jitgħallem mhux għalih innifsu, imma għalina, biex jifforma fih stess qalb ħelwa u li fuqha tinkiteb il-Liġi ta' Alla. Mhux biss imma qalb kompletament ġdida; qalb li ma riedet xejn aktar li tqiegħed lilha nfisha għas-salvazzjoni tal-aħwa. Hawn ta' min jaħseb ftit f'dak li Ġesù għamel waqt il-fidwa: aċċetta tassew li l-qalb tiegħu ssofri profondament l-ewwel biex tinbidel u biex tkun għad-dispożizzjoni ta' dawk kollha li jemmnu bħala qalb ġdida li tgħaqqadna kompletament ma' Alla u mal-aħwa!

Hawn qiegħed is-saċerdozju ta' Kristu: Kristu huwa qassis sakemm huwa medjatur tal-Patt il-Ġdid. U dan il-Patt il-Ġdid jikkonsisti fil-bidla tal-qalb. Ġesù sar saċerdot perfett grazzi għall-passjoni li fiha l-qalb umana tiegħu nbidlet, sabiex hekk tkun tista' issir il-għajn tal-Patt il-Ġdid. Meta nitkellmu mill-qalb ta' Ġesù nkunu tassew fiċ-ċentru tar-rivelazzjoni tat-Testment il-Ġdid. Din mhix biss xi rivelazzjoni teorika, imma attwazzjoni divina u li din ġiet affettwata fil-qalb umana ta' Ġesù. Jekk wieħed ma jidħolx sa din il-verità jibqa' fuq il-qoxra biss, superfiċjali. Hekk allura ma jasal qatt biex japprezza fil-milja kollha l-għana tal-fidwa li issa għandna għad-dispożizzjoni sħiħa ta' din il-qalb ġdida.

## Il-quċċata tal-imħabba

Ir-Rivelazzjoni l-kbira hija l-imħabba ta'Alla li dehret l-ewwel fl-Inkarnazzjoni tal-Iben ta' Alla, u sabet il-quċċata tagħha fil-Passjoni u l-mewt, mela l-għotja sħiħa u totali. Mingħajr l-imħabba, l-passjoni ma kien ikollha ebda valur. Kienet tkun ġrajja traġika u ta' skandlu. Kollox inbidel sa mill-ġewwieni, mela mill-qalb. Ma nistgħu qatt naslu biex nimmaġinaw ċirkustanzi aktar kuntrarji ta' progress sħiħ lejn l-imħabba: L-inġustizzja, il-krudeltà, t-tradiment, dawn il-ħwejjeġ kollha li jmorru kontra l-imħabba. Madankollu dawn saru okkażjonijiet ta' mħabba aktar kbira. Is-sigriet ta' dan kollu hu l-Qalb ta' Ġesù. Meta nitkellmu mill-qalb, nitkellmu mill-imħabba, imħabba li għexha u ġarrabha bniedem. Din hija mħabba li għexha fil-milja tagħha l-Iben ta' Alla fin-natura umana u bit-tbatijiet u d-deċiżjonijiet umani.

Tassew din hija qalb li tant kienet ġeneruża li għamlet tagħha ċ-ċirkustanzi l-aktar konkreti biex iżżid l-imħabba. Li l-imħabba hija ċ-ċentru ta' kollox jurih ukoll San Pawl meta jitkellem mill-*agape*, mill-imħabba, mill-karità (1 Kor 13). Għall-Korintin, kien hemm ħwejjeġ oħra li jidhru li kienu aktar interessanti u aktar importanti mill-karità: Il-profezija, l-karizmi straordinarji, d-don tal-ilsna, x-xjenza mela l-għerf. Dawn il-ħwejjeġ jidhru li għalihom kienu wisq aktar importanti, aktar divini. San Pawl ma ħasibhiex darbtejn. Huwa qal: le, il-għerf ma għandu ebda siwi mingħajr l-imħabba, "l-għerf jonfoħ, l-imħabba tibni" (1 Kor 8,2). "Jekk ma għandix l-imħabba ma jiena xejn" (1 Kor 13,2).

Pawlu qiegħed fiċ-ċentu l-imħabba li għandha l-bidu mill-qalb ta' Kristu. It-Testment il-Ġdid kollu għandu din id-direzzjoni, fis-sens ta' għaqda taż-żewġ dimensjonijiet tal-imħabba: Dik lejn Alla, u dik lejn il-proxxmu. Dan huwa l-punt l-aktar speċifiku tat-Testment il-Ġdid. L-Antik Testment diġà kien jitlob li wieħed iħobb 'l Alla "bil-qalb tiegħu kollha"; iżda ma kienx jgħaqqad tajjeb l-imħabba ta' Alla ma' dik tal-proxxmu (Eż 32,26-29).

Fi Kristu però ż-żewġ dimensjonijiet tas-salib dik vertikali li turi r-relazzjoni ma' Alla u dik orizzontali, li turi r-relazzjoni bejnietna bnedmin, dawn jiffurmaw għaqda waħda. Dawn huma ż-żewġ dimensjonijiet tal-imħabba, magħqudin flimkien mill-qalb ta' Ġesù. Hekk il-Qalb ta' Ġesù saret qalb saċerdotali, qalb tal-Qassis il-Kbir, qalb tal-medjatur tal-Patt Ġdid.



# “FIH KOLLOX JITKELLEM DWAR IL-ĦNIENA. M’HEMM XEJN FIH LI M’GĦANDUX ĦNIENA”

*Fr Marcello Ghirlando*

*“Kif raha l-Mulej tħassarha” (Lq 7:13)*

Fl-aħħar artiklu għalaqna billi qrajna flimkien min-numru 8 tal-*Misericordiae Vultus*: "Quddiem il-kotra ta' nies li kienet timxi warajh, meta ra li kienu għajjenin u mitluqin, mitlufin u bla ħadd min imexxihom, Ġesù ħassu jitqanqal minn qiegħ qalbu għalihom (ara Mt 9:36). B'din l-imħabba kollha ħniena hu fejjaq il-morda li kienu jressqulu quddiemu (ara Mt 14:14), u bi ftit ħobż u ħutiet tema' ġmiegħi kbar (ara Mt 15:37). Dak li lil Ġesù kien imexxih fiċ-ċirkustanzi kollha ma kienx ħlief il-ħniena, li biha kien jaqra fil-qlub ta' min kien ikollu quddiemu u jwieġeb għal aktar bżonn veru tagħhom. Meta ltaqa' mal-armla ta' Najn li kienet qed twassal lill-iben il-waħdieni tagħha lejn il-qabar, tqanqal bil-kbir għal dak l-uġigħ immens tal-omm li kienet qed tibki, u taha lura lil binha billi qajmu mill-mewt (Lq 7:15). Wara li ħeles lill-imxajtan ta' Ġerasa, jafdalu din il-missjoni: 'Mur inġabar id-dar ma' niesek, u għidilhom kulma għamel miegħek il-Mulej, u kif ħenn għalik' (Mk 5:19)."

Imdawlin minn din is-silta li fiha l-Papa Franġisku jitkellem fuq Ġesù bħala l-wiċċ tal-ħniena tal-Missier, nixtieq li nagħtu titwila lejn ir-rakkont uniku ta' San Luqa li jseħħ fid-daħla tal-belt ta' Najn.

"Wara dan imbagħad mar f'belt jisimha Najn, u marru miegħu d-dixxipli tiegħu u kotra kbira ta' nies. Kif wasal qrib il-bieb tal-belt, kienu qegħdin iġorru wieħed mejjet li ommu, mara armla, ma kellhiex ħliefu; u magħha kien hemm għadd ġmielu ta' nies mill-belt. Kif raha l-Mulej tħassarha. 'Tibkix', qalilha. Resaq, u mess it-tebut. Dawk li kienu qegħdin jerfgħuh waqfu. U hu qal: 'Żagħżugħ, qiegħed ngħidlek, qum!' U l-mejjet qam bilqiegħda u beda jitkellem. U Ġesù tah lil ommu. In-nies kollha tkexkxu bil-biża', u bdew jagħtu glorja lil Alla u





jgħidu: 'Profeta kbira qam fostna,' u, 'Alla żar il-poplu tiegħu.' U dan il-kliem li qalu xtered mal-Lhudija u dawk l-inħawi kollha" (Lq 7:11-17).

Meta wieħed jaqra dan il-Vanġelu jifhem mill-ewwel li l-qalba tiegħu hija dik il-kelma qawwija li jikteb San Luqa, "Kif raha l-Mulej tħassarha". Hija ħasra li tesprimi b'mod qawwi u profond il-ħniena ta' Ġesù. Hija dik il-ħniena tal-Mulej li fiha l-Evanġelisti lemħu wieħed mill-isbaħ attributi messjaniċi tal-Kristu. Attribut msemmi kemm-il darba (Mt 9:36; 14:14; Mk 5:19) li juri kif dawn il-kittieba u xandara għarfu fil-Mulej il-wiċċ kollu ħniena tal-Missier tas-sema.

Imma ħa nixtarru ftit il-kliem ta' din is-silta qasira li fit-traduzzjoni Maltija nkitbet b'sentenzi qosra li qishom bħal donnhom it-tokki tal-qanpiena l-kbira tal-knejjes tagħna li jħabbru ġrajja solenni!

"Wara dan imbagħad mar f'belt jisimha Najn, u marru miegħu d-dixxipli tiegħu u kotra kbira ta' nies". Ġesù qiegħed jimxi u miegħu hemm msieħba mhux biss id-dixxipli tiegħu imma wkoll kotra kbira ta' nies. San Luqa ma jitkellimx mill-post fejn kienu sejrin. Jurina din il-mixja li bħal donnha fil-kuntest issir purċissjoni ta' ħajja, purċissjoni mal-għajn tal-ħajja, il-Kristu, li jasal fejn l-aktar ikun hemm bżonn il-ħtieġa tiegħu. Il-Ħniena tal-Missier tfittex is-sitwazzjonijiet fejn il-bniedem jesperjenza l-miżerja tiegħu. Dan isseħħ hawnhekk fil-bieb tal-belt ta' Najn, belt ċkejkna daqs għaxar kilometri bogħod minn Nazaret, mnejn kienet ħierġa purċissjoni oħra: purċissjoni ta' mewt.

"Kif wasal qrib il-bieb tal-belt, kienu qegħdin iġorru wieħed mejjet li ommu, mara armla, ma kellhiex ħliefu; u magħha kien hemm għadd ġmielu ta' nies mill-belt". Ġesù jidħol fir-realtà tal-bnedmin: realtà ta' dgħufija u mewt żgura għal kulħadd. Realtà ta' miżerja li tipprova tifhem il-għaliex il-mewt, u speċjalment dik taż-żgħar. Il-purċissjoni funebri kienet purċissjoni

ta' diqa: armla, simbolu ta' dak kollu li huwa dgħajjef fl-Iskrittura, li tibki l-uniku iben tagħha. Magħha għadd ġmielu ta' nies, li dejjem joħorġu fil-funerali taż-żgħar, u l-bekkejja li jesprimu d-diqa u l-miżerja esistenzjali tal-bniedem. Diqa ta' armla li issa żgur sfat waħedha, imneżża' minn kull tip ta' għajnuna materjali u emozzjonali. Diqa ta' poplu li fil-mewt taż-żagħżugħ tiftaħ it-tifkira/ferita li kulħadd, f'xi ħin jew ieħor, irid imut. Purċissjoni ta' mewt li mingħajr ma tintebaħ tidħol fi xmara ta' ħajja mmexxija minn dak li kellu jkun l-ewwel li jqum minn bejn l-imwiet (ara: Kol 1:18).

"Kif raha l-Mulej tħassarha. 'Tibkix', qalilha". San Luqa jsejjaħ lil Ġesù "Mulej". B'hekk jurina li fehem sewwa li dan kien mument solenni għal Ġesù li seta' jagħmel dak li kien se jagħmel għax tassew kien il-Mulej. Mulej li huwa bniedem bħalna f'kollox: għandu riġlejn, għajnejn, qalb, idejn u fomm… seta' jimxi, jersaq qrib kull bniedem, jara, jitħassar, imiss u jitkellem… huwa l-espressjoni tal-ħniena infinita ta' Alla li għandu riġlejn biex jiltaqa' mal-bniedem, għajnejn biex jarah, qalb biex iħobbu, idejn biex imissu, kelma biex jgħaddilu il-ħajja tiegħu, Imma mhux biss: "jitħassar"...jitqanqal bil-kompassjoni, jiġifieri jidħol fil-passjoni tat-tbatija u l-miżerja ta' kull bniedem, anke ta' din il-povra armla, biex jagħmilha tiegħu u jitrasformaha f'ħajja ġdida. Huwa Alla li jħares lejn il-bniedem li joħloq, jifdi u jħobb lil bniedem.

"Kif raha l-Mulej tħassarha". Kemm hu siewi hawn jekk niftakru kemm dan il-kliem huwa eku tal-parabbola tas-Samaritan it-tajjeb (Lq 10:33ff) u tal-Missier li jistenna b'ħerqa lill-iben il-ħali (Lq 15:20). Ġesù jsir tabilħaqq hawnhekk xbiha ta' Alla l-ħanin li jidħol b'mod sħiħ fl-istorja ta' din l-armla, fl-istorja ta' kull bniedem, fil-miżerja umana biex bis-saħħa tal-kompassjoni tiegħu juri miserikordja li tagħti l-ħajja! Hemm allura tama ta' ħajja u proprju għalhekk li Ġesù jgħid lill-armla: "Tibkix!" Għaraf li dak li kellu jagħmel kellu jkun espressjoni tal-att tal-fidwa tiegħu fuq is-salib, li bis-saħħa tiegħu kellu jkisser il-mażżra tal-mewt biex joffri ħajja ġdida lil dawk kollha li kellhom jemmnu fiha. Għaraf li kien il-Messija, dak li kellu jixxotta kull demgħa minn għajnejna.

"Resaq, u mess it-tebut. Dawk li kienu qegħdin jerfgħuh waqfu. U hu qal: 'Żagħżugħ, qiegħed ngħidlek, qum!' Il-Mulej li kien raha u tħassarha, issa jieħu azzjoni: jersaq u jmiss it-tebut, l-injam tat-tebut, mingħajr ma ta każ tal-liġijiet tas-safa ritwali. Qisu bħal donnu sar parti minn dik il-mewt doloruża biex jitrasformaha f'ħajja. Fil-fatt, dik kellha tkun sinjal profetiku tal-missjoni tiegħu: meta ġismu kellu jitwaħħad mal-għuda, mal-injam tas-salib, kellu jieħu fuqu l-mewt ta' kull bniedem biex bil-qawwa tal-qawmien tiegħu jitrasformaha fil-ħajja. Ħajja vera.

Ħajja vera li tingħata bil-qawwa tremenda tal-kelma ta' Ġesù li kapaċi tittrasmetti u toħloq il-ħajja. 'Żagħżugħ, qiegħed ngħidlek, qum!' Dak li umanament huwa ġennata, tkellem u tordna mejjet, isir għajn ta' ħajja, frott il-ħniena kreatriċi tal-Mulej. Bħalma l-kelma ta' Alla fil-bidu kienet l-għajn ta' kull ħajja, hekk issa l-Kelma tal-Mulej Ġesù tqajjem għall-ħajja lill-mejjet. Din hija l-opra tal-fidwa, frott il-qalb ħanina ta' Alla tagħna.

"U l-mejjet qam bilqiegħda u beda jitkellem. U Ġesù tah lil ommu". Iż-żagħżugħ iqum bilqiegħda. Bil-qawwa tal-kelma tal-Mulej, frott ħnientu, iqum rebbieħ fuq il-mewt, Bil-qawwa tal-ħniena tal-Mulej li żaret lil dawk li kienu fid-dlamijiet tal-mewt (ara: Lq 1:79) il-bniedem issa għandu tama żgura ta' ħajja. B'hekk iż-żagħżugħ issa seta' jitkellem ukoll, seta' jinqeda bil-kelma biex jerġa' jikkomunika u jħobb mill-ġdid: ma' ommu, ma' ħbiebu, imma fuq kollox ma' Alla.

Il-ħniena tal-Mulej fejqet il-ħajja marida u mejta u l-iben mejjet jingħata lura ħaj lil ommu.

"In-nies kollha tkexkxu bil-biża', u bdew jagħtu glorja lil Alla u jgħidu: 'Profeta kbira qam fostna,' u, 'Alla żar il-poplu tiegħu.' U dan il-kliem li qalu xtered mal-Lhudija u dawk l-inħawi kollha." Quddiem il-ħniena li tagħti l-ħajja tal-Mulej Ġesù, ir-reazzjoni hija doppja: waħda ta' biża' riverenzjali u oħra terremot ta' tifħir u qima lil Alla għal din il-manifestazzjoni qawwija tal-ħniena infinita tiegħu. Hija l-ħniena tiegħu li dehret f'Ġesù li permezz tagħha "l-għomja qegħdin jerġgħu jaraw, iz-zopop jimxu, il-lebbrużi jfiqu, it-torox jisimgħu, il-mejtin iqumu, u kif il-bxara t-tajba qiegħda tixxandar lill-fqar" (Lq 7:22). Quddiem dan il-għaġeb tal-ħniena ta' Alla, dawk li raw u semgħu saru ħabbara tal-bxara t-tajba!

Tassew li Luqa jirnexxilu f'din is-silta qasira jurina li Ġesù huwa tassew il-Mulej: huwa l-Mulej tal-ħniena, awtur tal-ħajja, rebbieħ fuq il-mewt. Hija silta li bħal donnha hija preludju għal ħniena infinita tal-Missier li kellha tidher b'qawwa fuq il-Kalvarju: meta l-iben il-waħdieni ta' Alla, kellu jmut barra l-ħitan tal-belt; dak li jingħata lura lil ommu fuq l-Għolja tal-Fidwa, kellu jqum minn bejn l-imwiet u jsir b'mod sħiħ il-wiċċ tal-ħniena tal-Missier. Kellu jkun dak li joħroġ jiltaqa' mal-miżerja tagħna biex jitwaħħad magħha kompletament; fl-għotja sħiħa tiegħu kellu jifdi lill-bniedem mill-mewt u jagħtih il-veru ħajja.

Dan ir-rakkont għalhekk ikompli jqanqal fina l-fidi u l-fiduċja fil-ħniena tal-Missier, b'mod partikulari matul din is-Sena Ġubilari. Kull min jibki, kull min iġorr il-miżerja tal-ħajja jista' jgħolli ħarstu u jilqa' il-ħarsa mimlija miserikordja tal-Mulej. Dan biex jitlaqqam fit-tama. Tama li hija ċerta. Tama li tfakkarna li bil-qawwa tal-ħniena tiegħu, il-mewt tagħna tinbidel f'ħajja.

Sant'Ambroġ ra f'din il-mara ta' Najn li tibki lil binha xbiha tal-Knisja li tibki fuq uliedha mejta fid-dnub. Magħha tibki l-folla ta' dawk kollha li jemmnu. Kristu, bil-qawwa tal-ħniena infinita tiegħu, jerġa' jrodd lura l-midneb fi ħdan ommu, il-Knisja, li tifraħ u tqim għalhekk lil Alla ma' wliedha kollha li jbaħħru f'din ix-xmara ta' ħniena u mħabba. U t-tokki tal-qanpiena l-kbira tal-knejjes tagħna tista' tinfexx f'mota solenni ta' radd il-ħajr!





# IT-TALB FIL-KTIEB TAL-ATTI TAL-APPOSTLI

*Fr Martin Micallef OFMCap*

Fit-tieni volum tiegħu, jiġifieri, fil-Ktieb tal-Atti tal-Appostli, San Luqa jitkellem mill-Knisja tal-Bidu bħala Knisja li kienet titlob. Fil-fatt, għal aktar minn tletin darba, San Luqa jitkellem fuq l-ewlenin dixxipli ta' Ġesù u jippreżentahom jitolbu jew inkella f'episodji li jitkellmu fuq it-talb. Dawn ix-xeni nsibuhom l-aktar fl-ewwel parti tal-Atti tal-Appostli.[1]



L-ewwel referenza għat-talb fl-Atti tal-Appostli nsibuha fil-ġabra fil-qosor tal-ħajja tal-ewlenin dixxipli wara t-tlugħ ta' Ġesù fis-sema: "U lkoll qalb waħda kienu *jitolbu*" (Atti 1:14). San Luqa hawnhekk juża l-kelma bil-Grieg: *proskatereo* sabiex jiddeskrivi l-attitudni kontinwa tat-talb fil-ħajja ta' dawn id-dixxipli. Hekk, fil-fatt, tfisser din il-kelma "kienu *jipperseveraw* fit-talb," kelma li tintuża daqs ħames darbiet oħra fl-Atti tal-Appostli.[2]

Fit-tieni ġabra fil-qosor tal-ħajja tal-Knisja tal-Bidu f'Ġerusalemm (Atti 2:42-47), l-awtur tal-Atti tal-Appostli jerġa' jippreżentalna t-talb bħala waħda mill-karatteristiċi ewlenin tal-insara għax hawn naqraw kif huma "kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim tal-appostli u fl-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u *fit-talb*" (v.42). F'okkażjonijiet oħra, San Luqa, mbagħad jerġa' jfakkarna fit-talb bħala parti essenzjali mill-ħajja tal-ewlenin insara. Dan jagħmlu, iżda, mingħajr ma jagħtina l-kontenut tat-talb tagħhom.[3] Jidher ukoll li t-talb tal-ewlenin insara kien jiġi indirizzat lil Alla,[4] għalkemm f'xi drabi San Luqa jindikalna li kien isir talb lil Ġesù. Hekk, pereżempju, naqraw fl-episodju ta' meta Stiefnu waqt li kien qed jiġi mħaġġar, jitlob: "Mulej Ġesù, ilqa' r-ruħ tiegħi" (Atti 7:59).

L-istampa li San Luqa jagħtina dwar l-ewlenin insara bħala nies ta' talb isservi sabiex turina kif dawn kienu qed ikomplu dak li kien beda Ġesù qabilhom. Fil-fatt, donnu li hemm paralleliżmu bejn il-waqtiet tal-ħajja tat-talb ta' Ġesù mal-waqtiet tat-talb tal-ewlenin insara. Dan il-paralleliżmu jidher fl-episodji tat-talb bħala antiċipazzjoni tal-għoti tal-Ispirtu s-Santu;[5] it-talb qabel l-għażla tat-Tnax;[6] it-talb quddiem il-mewt u l-maħfra għall-għedewwa.[7]

Hawnhekk tajjeb ninnutaw il-kuntrast li San Luqa joħloq bejn il-falliment tad-dixxipli fil-Ġnien taż-Żebbuġ, meta huma raqdu minflok talbu fi żmien ta' prova kbira. Min-naħa l-oħra, fl-Atti tal-Appotli nsibu kif id-

dixxipli baqgħu sħaħ fit-talb speċjalment fil-waqtiet iebsa tal-persekuzzjoni li kellhom jgħaddu minnhom. Hekk, pereżempju, f'Atti 4:23-31 wara li Pietru u Ġwanni nħelsu mill-ħabs, naqraw kif huma marru fejn sħabhom u flimkien magħhom talbu f'dak il-waqt daqshekk qawwi ta' persekuzzjoni. F'dak l-istess waqt, huma setgħu nġabru sabiex iħejju pjanijiet ta' kif kellhom jiddefendu ruħhom f'sitwazzjonijiet daqshekk diffiċli. Minflok, iżda, San Luqa jinfurmana biss li huma talbu! It-talb, mela, jidher bħala espressjoni privileġġjata tal-komunità Nisranija, jew aħjar bħala l-mod proprju ta' kif dawn l-insara tal-bidu ġabu ruħhom f'sitwazzjonijiet diffiċli.[8]

Fl-episodju tal-għażla ta' Mattija li kellu jieħu post Ġuda l-Iskarjota wara li dan ittradixxa lil Ġesù u qatel lilu nnifsu, it-talb hu ppreżentat fl-Atti tal-Appostli bħala wieħed mill-modi kif id-dixxipli kellhom jiddixxernu x'inhi r-rieda ta' Alla fis-sitwazzjoni li għaliha kienu qed jitolbu.

Il-mod kif wieħed jagħraf x'kellha tkun ir-rieda ta' Alla hija tema li tibda fl-Evanġelju u tiġi żviluppata fl-Atti tal-Appostli. Hekk, pereżempju, dan iseħħ permezz ta' żjajjar ta' anġli, tal-interpretazzjoni tal-Iskrittura, u tal-intervent tal-Ispirtu s-Santu. Dawn huma mezzi li San Luqa juża biex juri x'inhi r-rieda ta' Alla f'sitwazzjonijiet konkreti. It-talb, iżda, jispikka fost dawn il-mezzi kollha jekk nistgħu nsejħulhom hekk, u dan l-aktar f'dawk il-waqtiet tan-narrativa li fihom San Luqa jgħaqqad flimkien it-talb mal-viżjonijiet.[9]

Hekk, pereżempju, insibu fl-episodju tal-laqgħa ta' Pietru ma' Kornelju fl-Atti 10:1-11:18. F'dan l-episodju naqraw kif it-talb jieħu importanza kbira. Għalkemm Kornelju kien raġel pagan, San Luqa jinfurmana li kif huwa "kien dejjem jitlob lil Alla" (v.2). Jum minnhom, Kornelju kellu viżjoni li seħħet "f'xi tlieta ta' wara nofsinhar" (v.3), siegħa li San Luqa diġà identifikaha bħala s-siegħa tat-talb li kien isir fit-Tempju (ara Atti 3:1). Il-fatt li din il-viżjoni sseħħ f'kuntest ta' talb tiġi iċċarata mill-kliem li l-anġlu jtenni lil Kornelju meta jgħidlu: "It-talb tiegħek u l-opri tiegħek ta' karità telgħu quddiem Alla u ftakar fik" (10:4).

Din in-nota hija wkoll ikkonfermata minn dak li Kornelju jgħid lil Pietru dwar dak li ġralu (ara vv.30-31). Aktar minn hekk, dak



li ġara lil Kornelju jixbah ħafna lil dak li ġara lil Pietru stess għaliex Pietru wkoll kellu viżjoni waqt li kien qed jitlob (ara v.9). Aktar tard, imbagħad, Pietru nnifsu seta' jitkellem fuq it-talb tiegħu akkumpanjat minn din il-viżjoni (ara 11:5). Fiż-żewġ każi, mela, il-Mulej Alla kien qed jinqeda b'din is-sitwazzjoni sabiex juri r-rieda tiegħu.

Hemm episodju ieħor fl-Atti tal-Appostli fejn it-talb jiġi akkumpanjat minn ġesti oħra. Fil-każ ta' Stiefnu, pereżempju, waqt li dan kien qed jiġi mħaġġar, naqraw kif hu "niżel għarkupptejh' u talab" (7:60). Hekk ukoll Pietru, wara li dan bagħat lil kulħadd 'il barra naqraw kif huwa "niżel għarkupptejh jitlob" biex imbagħad qajjem lil Tabita mill-mewt (9:40). L-istess Pawlu, qabel ma dan ħalla lill-presbiteri ta' Efesu, naqraw li huwa "niżel għarkupptejh jitlob magħhom ilkoll" (20:36).

Hemm imbagħad noti fuq it-talb akkumpanjat mis-sawm. F'13:3 pereżempju, naqraw li qabel l-għażla ta' Barnaba u Sawl għax-xogħol li sejħilhom għalih l-Ispirtu, xi membri fil-Knisja f'Antijokja "kienu qegħdin iqimu lill-Mulej u jsumu."

F'kontinwità mal-ewwel kitba tiegħu, fl-Atti tal-Appostli, San Luqa mela jurina kif it-talb kien jikkaratterizza l-ħajja tal-ewlenin insara u dan l-aktar fil-waqtiet l-iżjed qawwija tal-missjoni li din il-komunità nisranija tal-bidu kellha twettaq. Hekk juruna wkoll l-episodji tal-għażla bejn Ġużeppi Barsaba u Mattija (1:24); il-waqt tal-arrest ta' Pietru, fejn "il-Knisja kienet qiegħda titlob lil Alla għalih bil-ħerqa" (12:5); l-episodju ta' meta Pietru u Silas kienu fil-ħabs u "bdew jitolbu u jfaħħru lil Alla b'innijiet, u l-ħabsin jisimgħuhom" (16:25).

Dawn l-eżempji jagħtuna ħjiel tal-importanza li t-talb jikseb fit-tieni volum li ħallielna San Luqa. Dan l-Evanġelista jagħmel dan b'eżempju għall-Knisja f'kull żmien sabiex din tagħraf li l-missjoni tagħha ma tistrieħx fuq il-qawwa tal-membri tagħha, imma pjuttost fuq l-għajnuna u





l-qawwa ta' Alla li deher fostna f'Ibnu Ġesù Kristu u li baqa' magħna permezz tal-Ispirtu s-Santu.

## Referenzi

1 Fuq studju dettaljat fuq it-talb fil-Ktieb tal-Atti tal-Appostli ara, A. Pitta, *La preghiera nelle Lettere di Paolo e nelle prime comunità cristiane,* in *Enciclopedia della Preghiera,* ed. C. Rossini – P. Sciadini (Vatican 2007), 142-158.

2 Ara Atti 2:42.46; 6:4; 8:13; 10:7.

3 Ara Atti 3:1; 10:9.

4 Ara, pereżempju, Atti 4:24-31; 10:2.4; 12:5; 16:25.

5 Ara Lq 3:21; Atti 1:14; 2:14; 8:15-17.

6 Ara Lq 6:21; Atti 1:24.

7 Ara Lq 23:34; Atti 7:60.

8 Fuq dan il-punt ara, C.M. Martini, *Itinerario di preghiera con l'Evangelista Luca* (Milano 1990), 91-92.

9 Ara Atti 9:10-12; 10:3-4.9-16.30-31; 11:5; 22:17-21.



# KNEJJES MINSIJA TA' ĠERUSALEMM: ĦAKELDAMA U L-KNISJA-GĦAR TA' SAN ONOFRJU

*Noel Muscat ofm*

Din is-sensiela ta' artikli għandha l-iskop li tippreżenta postijiet bibliċi u santwarji antiki mxerrdin fil-belt il-qadima ta' Ġerusalemm u madwarha, li mhumiex tant magħrufin, imma li għandhom importanza fl-istorja tal-Bibbja u tal-Art Imqaddsa. L-ewwel post li se nippreżentaw f'din is-sensiela huma l-fdalijiet tal-Knisja-Kripta ta' Santa Marija tal-Ħakeldama u l-Monasteru Grieg Ortodoss ta' San Onofrju.

## Il-Knisja-Kripta ta' Santa Marija tal-Ħakeldama

L-Evanġelju ta' San Mattew 27,3-8 jirrakkonta l-mewt ta' Ġuda Iskarjota, l-appostlu li biegħ lil Ġesù għal tletin biċċa tal-fidda, u li spiċċa mar jitgħallaq. L-evanġelista jikteb: "Mbagħad il-qassisin il-kbar ġabru l-flus minn hemm u qalu: 'Dawn ma nistgħux inqegħduhom mal-offerti, għax huma prezz tad-demm.' Ftiehmu bejniethom, u b'dawk il-flus xtraw l-Għalqa ta' Ħaddiem il-Fuħħar, biex fiha jidfnu l-barranin. Kien għalhekk li dik l-għalqa ssemmiet l-Għalqa tad-Demm, u hekk għadha magħrufa sal-lum."

L-Atti tal-Appostli 1,18-19 jagħtuna interpretazzjoni interessanti tal-mewt ta' Ġuda u tal-isem li dan il-post imbagħad ingħata: "Issa dan Ġuda kien xtara għalqa bil-qligħ inġust tiegħu; u hemm waqa' għal rasu, nqasam minn nofsu u ħarġulu msarnu kollha. In-nies kollha ta' Ġerusalemm saru jafu b'dan, u bdew isejħu lil dik l-għalqa bl-isem tagħhom Ħakeldama, jiġifieri l-għalqa tad-demm."


*Il-volta tal-Kripta tal-Ħakeldama*

*Il-Wied ta' Ħinnom*



Lejn tmiem is-seklu 4 San Ġlormu kiteb li l-post ta' Ħakeldama kien jinsab fin-nofsinhar tal-Għolja ta' Sijon. Fi tmiem is-seklu 6 il-Pellegrin ta' Piacenza jikteb li din l-għalqa kienet għadha tintuża biex fiha jindifnu l-barranin u l-pellegrini, imma li madwar l-oqbra kien sab ukoll diversi ċelel ta' eremiti, imdawrin minn siġar tal-frott u dwieli. Fis-sena 680 żar dan il-post l-isqof Arculf, li jgħid li hemmhekk kienu jindifnu l-barranin, uħud minnhom f'oqbra u oħrajn imħollijin bla difna u biss imkeffnin, u hekk kienu jibqgħu fi stat ta' dekompożizzjoni fuq il-ħamrija.

Fi żmien Charlemagne dan il-post intrabat mal-isptar tal-pellegrini Latini f'Ġerusalemm, fejn aktar tard kellhom jaslu l-Kavallieri ta' San Ġwann, proprju quddiem il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Il-morda li kienu jmutu fl-isptar tal-pellegrini kienu mbagħad jittieħdu għad-difna fl-għalqa tal-Ħakeldama. L-isptar ta' Charlemagne kien jinsab qrib il-knisja ta' Santa Marija Latina, qrib il-Qabar ta' Kristu, u kien ingħata minn Harun al Rashid li kien ħabib tal-Imperatur Latin.

Bernard ir-Raħeb, monaku tal-abbazija ta' Corby, fl-opra tiegħu *Expositio in Matthaeum*, kiteb li l-isptar kellu proprjetà ta' għelieqi u dwieli fil-Wied ta' Ġosafat. Kien hemm ukoll tradizzjoni li fil-Ħakeldama kienet teżisti knisja, li kienet ġiet mibnija minn Sant'Elena, imma din it-tradizzjoni hi

medjevali (715-1009) u ġejja minn *Vita Constantini*, opra anonima.

Fi żmien il-Kruċjati l-post tal-Ħakeldama, qrib il-menqgħa ta' Siloam u taħt l-Għolja ta' Sijon, kien magħruf mal-pellegrini. Il-mappa ta' Ġerusalemm ta' Brussels (c. 1108) timmarka l-post bħala *Acheldemach, sepultura peregrinorum*. Mela fi żmien il-ħakma Kruċjata dan il-post baqa' jintuża għad-dfin tal-pellegrini li kienu jmutu fl-isptar tal-Latini ta' Ġerusalemm. Kien hemm ukoll xi eremiti li kienu jgħixu fl-għerien ta' dan il-post. Fil-fatt, sallum għadhom jidhru għerien fuq ix-xaqliba l-oħra tal-Wied ta' Ħinnom, jew tal-Ġeħenna, fejn jinsab il-blat għoli li fuqu hemm l-għelieqi tal-Ħakeldama.

L-abbati Russu Daniel, li żar il-Ħakeldama fl-1106-1108, jikteb li hemmhekk sab ħafna għerien u oqbra, u li f'dak il-post kienu jindifnu l-pellegrini foqra, imma li l-knisja kienet imġarrfa.

Fl-1143 il-Patrijarka Guglielmo ta lill-Isptar tal-Kavallieri ta' San Ġwann knisja fil-għalqa tal-Ħakeldama, fejn kienu jindifnu l-pellegrini, u l-għelieqi ta' madwar. Dak iż-żmien l-Isptar kien immexxi mill-ewwel Gran Mastru tal-Ordni, Raymond de Puy. Ġwann ta' Wurzburg jgħid li fl-1160 kienu għadhom jindifnu l-pellegrini. Fl-1172 Teodorico kiteb: "Fl-għalqa tal-Ħakeldama, li l-Wied ta' Ħinnom jifred mill-Għolja ta' Sijon, hemm post tad-dfin tal-pellegrini, fejn tinsab knisja tal-Omm Qaddisa ta' Alla u Verġni Marija." Fl-ordinal tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, li kopja tiegħu kienet tinsab għand it-Templari fl-1153-1157 jingħad li fit-2 ta' Novembru kienet issir purċissjoni lejn il-knisja li tissejjaħ Ħakeldama.

Il-kronista Kruċjat Ernoul jgħid li fil-waqgħa tar-Renju Latin ta' Ġerusalemm (1187) fil-Ħakeldama kien hemm ukoll *Caudemar (Chaudemar)*, jew karnierja, li fiha kienu jwaddbu l-pellegrini kollha li kienu jmutu f'Ġerusalemm. F'dan il-post kienu jindifnu wkoll xi monaċi Griegi Ortodossi.

Bosta xhieda li żaru l-Ħakeldama fis-sekli 13 u 14 jiktbu li kien hemm għar fond b'volta kbira (karnierja) li fih kienu jitwaddbu għal isfel l-iġsma tal-mejtin minn diversi toqob li kien hemm fis-saqaf tal-istess karnierja. Għal xi żmien id-Dumnikani kellhom kunvent fil-Ħakeldama, imma kellhom iħalluh minħabba l-attakki tal-Musulmani. Skont xi pellegrini, għalkemm kien hemm bosta iġsma f'dekompożizzjoni fil-karnierja, ma kienx hemm irwejjaħ u intejjen f'dan il-post.

Deskrizzjoni oħra tal-karnierja taħt il-Knisja ta' Santa Marija tal-Ħakeldama jagħtihielna l-Franġiskan Niccolò da Poggibonsi (1347) u l-pellegrin Niccolò de Martoni, li żar l-Art Imqaddsa fl-1347-1350 u li kien għadda minn Malta u Għawdex fi triqtu lejn il-Lvant. Wara dan iż-żmien jidher li l-post tal-Ħakeldama kien f'idejn l-Armeni, almenu mill-1402. Lejn nofs is-seklu 16 dan il-post ma kienx għadu użat bħala post

ta' dfin. Studji arkeoloġiċi fuq il-fdalijiet tal-Knisja u l-Kripta ta' Santa Marija saru fis-seklu 19, speċjalment minn C. Wilson (1865).

Dawn l-istudji juru li l-ġenb tal-Wied ta' Ħinnom kien użat bħala nekropoli sa mis-seklu 8 q.K. u wkoll mill-1 seklu q.K. sas-sena 70 w.K. Hemm diversi għerien fuq ix-xaqliba tan-nofsinhar tal-Wied, u jagħmlu parti minn kumpless li fih hemm il-kripta u karnierja medjevali tal-Knisja ta' Santa Marija tal-Ħakeldama.

Il-karnierja tinsab proprju fejn il-Wied ta' Ħinnom jiltaqa' mal-Wied tal-Kidron, proprju fuq il-monasteru Grieg Ortodoss ta' San Onofrju (ara aktar 'l isfel).

Illum għad fadal biss parti mill-volta medjevali ta' din il-karnierja, li kienet tinżel ħafna fil-fond sal-livell tal-blat. Il-karnierja kienet twila 19 metri u wiesgħa 6 metri, u kienet maqtugħa f'għerien naturali fil-blat. X'aktarx li fil-quċċata tal-volta kien hemm toqob li minnhom kienu jitwaddbu l-iġsma għal isfel. Il-karnierja kienet xi 16-il metru fonda. Ma fadal l-ebda ħjiel ta' bini fuq il-volta tal-karnierja. X'aktarx li l-Knisja medjevali ta' Santa Marija kienet mibnija fuq dan il-livell. Dan għaliex, għalkemm il-pellegrini kienu jiddeskrivu li fuq il-volta kien hemm art imbattma, imma s-saħħa tal-ħitan u tal-volta jagħtuna x'nifhmu li almenu parti minn din l-art kien hemm fuqha binja oħra, appuntu l-Knisja ta' Santa Marija tal-Ħakeldama, li ma għadhiex teżisti. Il-knisja x'aktarx ġiet meqruda wara li l-Kruċjati tkeċċew minn Ġerusalemm fit-2 ta' Ottubru 1187, fi żmien id-dinastija Ajjubida, għalkemm il-karnierja, kif rajna, kompliet tintuża bħala post għad-dfin tal-pellegrini għal sitt sekli wara.

## Il-Knisja-Għar ta' San Onofrju

Ftit 'l isfel mill-għalqa tal-Ħakeldama hemm il-ħitan ta' monasteru Grieg Ortodoss, fejn hemm knisja u għar iddedikati lil San Onofrju. Dan il-monasteru hu wieħed minn lista twila



*Oqbra fil-fond tal-Knisja Għar*

ta' almenu 25 monasteri Griegi Ortodossi li jinsabu f'Ġerusalemm u madwarha.

Fi tmiem is-seklu 13, il-pellegrin Dumnikan Ricoldo di Montecroce żar iċ-ċimiteru tal-Ħakeldama, u kiteb hekk: "Qrib ta' dan il-post sibna ċ-ċella ta' San Onofrju u ta' missirijiet qaddisa oħrajn." Ma nafux kif San Onofrju, qaddis li għex fis-seklu 4 fin-nofsinhar tal-penisola tas-Sinaj, ġie assoċjat ma' dan l-għar fil-Wied ta' Ħinnom.

Skont tradizzjoni antika Onofrju twieled fl-Eġittu lejn tmiem is-seklu 4, meta kienet żviluppat il-ħajja ċenobitika u monastika fid-deżert tal-Eġittu, l-aktar bil-ħidma ta' San Pawl, l-Ewwel Eremita, San Pakomju, Sant'Anton Abbati, u oħrajn. Il-bijografu ta' San Onofrju kien jismu San Pafnuzju, li jgħid li Onofrju kien twieled fil-Persja, tradizzjoni li mhijiex miżmuma fis-Synaxaria tal-Knejjes Ortodossi.

Onofrju kien beda l-ħajja monastika tiegħu barra l-belt ta' Hermoupolis, qrib Thebae. Kien f'dan iż-żmien li Onofrju tgħallem dwar il-ħajja eremitika li kienu għexu l-profeta Elija u San Ġwann Battista fid-deżert tal-Lhudija. Kien għalhekk li, mill-monasteru, iddeċieda li jingħata għall-ħajja anakoretika (eremitika). Fl-Eġittu dan l-istil ta' ħajja reliġjuża kien infirex sewwa,


*Knisja-Għar ta' San Onofrju*

l-aktar wara l-persekuzzjoni tal-Imperatur Deċju (249-251). L-eremiti kienu jgħixu f'għerien fid-deżert, u kienu jiltaqgħu flimkien fiċ-ċenobju nhar ta' Ħadd għall-Ewkaristija u l-ikel flimkien. Onofrju dam jgħix fid-deżert tas-Sinaj għal 70 sena, fi stil ta' ħajja iebsa ta' faqar u astinenza. Fl-ikonografija hu dejjem impitter kważi għeri għalkollox, u b'leħja twila li tibqa' nieżla biex tgħattilu parti kbira minn ġismu.

Ftit qabel miet mar iżuru San Pafnuzju, bl-iskop li dan jieħu ħsieb id-difna tiegħu. Onofrju miet fid-deżert nhar it-12 ta' Ġunju. Il-bijografu tiegħu Pafnuzju jgħid li żewġ iljuni ħaffru l-qabar tal-qaddis. Il-bijografija ta' San Onofrju, miktuba bil-Grieg, hi mħarsa f'wieħed mill-monasteri tal-Monte Athos.

Fis-seklu 14 twieldet tradizzjoni li l-Appostli kienu marru jinħbew fl-għerien fuq ix-xaqliba tan-nofsinhar tal-Wied ta' Ħinnom wara l-mewt ta' Ġesù, u li hemmhekk kienu ikkomponew il-Kredu tal-Appostli. Din ix-xhieda jagħtuhielna Niccolò da Poggibonsi (1346-50) u Niccolò de Martoni (1395). Qrib l-1350 Pietro de Pennis kiteb: "Taħt dik id-dar

(Ħakeldama), u 'l isfel minn wieħed mill-għerien, tinsab il-knisja ta' San Onofrju (*ecclesia Beati Onofry confessoris*), fejn l-Appostli qaddisa, li dak iż-żmien inġabru hemmhekk flimkien, ikkomponew il-Kredu qasir tal-fidi."

L-għerien tal-appostli jissemmew minn Felix Faber (1480-83) u minn Juan Perera, li kien sabhom hu u tiela' l-wied minn Silwan: "Ftit aktar 'il fuq fil-għolja hemm l-għar fl-irdum li fih l-Appostli baqgħu moħbijin għal tlitt ijiem wara l-mewt ta' Kristu. Hemm kappella f'dan il-post, imma llum hemm biss ftit fdalijiet tal-figuri tal-Appostli, li qabel kienu jżejnu s-saqaf ta' din il-kappella. Taħtha hemm diversi għerien oħrajn, li jintużaw għad-dfin tal-mejtin."

Fl-1842 W.H. Bartlett sab pittura Biżantina tal-Verġni Marija f'wieħed minn dawn l-għerien. Fil-fatt dan għadhom jidhru xi affreski fil-Knisja-Għar ta' San Onofrju li l-Patrijarkat Grieg Ortodoss ta' Ġerusalemm bena fl-1874-1892 f'dan il-post, flimkien ma' monasteru.

L-għar tal-Appostli llum jagħmel ħaġa waħda mal-Knisja ta' San Onofrju. Il-knisja tinsab ġewwa fir-reċint tal-monasteru Grieg Ortodoss li nbena lejn tmiem is-seklu 19, u li fih tgħix soru Ortodossa. Biex tidħol ġewwa trid normalment titlob permess qabel billi ċċempel fil-monasteru. L-Għar jidher li kien diġà jintuża għad-dfin f'epoka Rumana. Għad hemm fdalijiet ta' affresk medjevali fuq il-ħitan u s-saqaf tal-Knisja-Għar. Ġewwanett tal-Għar għadhom jidhru għerien oħrajn ta' dfin, li fihom hemm *arcosolia*, jew niċeċ li fihom kienu jindifnu l-mejtin. Il-Griegi Ortodossi jqimu f'din il-Knisja l-Għar li fih, skont it-tradizzjoni, kien jgħix San Onofrju, meta kien ġie bħala pellegrin f'Ġerusalemm biex iqim il-fdalijiet tas-Salib Imqaddes.

Id-daħla tal-monasteru tinsab ftit passi 'l fuq mit-triq li tinżel mill-Bieb ta' Ġaffa għal taħt l-Għolja ta' Sijon, u mbagħad tinferaq fi tliet fergħat. Waħda tieħdok lejn Betleħem, l-oħra għas-Sijon u n-niżla wieqfa fil-Wied ta' Ħinnhom twasslek lejn ir-raħal Għarbi ta' Silwan. Malli tinżel qrib ir-raħal tara l-ħitan tal-monasteru Grieg Ortodoss fuqek lejn il-lemin, bi trejqa li ttellgħek lejn il-bieb ewlieni. Malli tidħol ġewwa fil-monasteru, issib il-Knisja-Għar ta' San Onofrju b'diversi ikoni sbieħ u tagħmir tipiku tal-knejjes Ortodossi, u fuq il-bieb il-bnadar tal-Patrijarkat Grieg Ortodoss ta' Ġerusalemm u tar-Repubblika tal-Greċja, dehra tipika tal-monasteri kollha tal-Patrijarkat Grieg Ortodoss.

ĠEDDED L-ABBONAMENT TIEGĦEK

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA




## ABBONAMENT:

€10 fis-sena

€15 jew aktar Sostenitur

TOĦROĠ KULL 3 XHUR

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

## TIĠDID
## L-ART IMQADDSA
## 2016

Kunjom ____________________

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

____________________

Kodiċi Postali

____________________

Qed nibgħat € ____
bħal abbonament għall-2016



## *Pellegrinaġġi Franġiskani 2016*

**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat**
**tal-Art Imqaddsa**

8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

### Art Imqaddsa
13 - 21 Lulju
1 - 9 Settembru

### Art Imqaddsa *Extra*
6 - 16 Novembru

